# Patrimonju kbir ta' statwi u niċeċ fil-Mosta

Minn Nicholas Grech

(part 3)

*(Ghal darb'ohra, it-tielet parti ta' dan l-artiklu li dehret fl-annwal tal-Kazin Nicolo Isouard tal-2026, kienet dik mill-artiklu li kont baghttilhom lura lejn l-2019, flok dik bl-ahhar aggornamenti li baghttilhom fl-2024 u li minnha kienu ppublikaw dik it-tieni parti tal-artiklu fl-annwal tal-2025. Ghaldaqstant it-tielet parti trid tkun skont kif murija hawn taht. "In-nies jghallmuk" kienet tghidli ommi.)*

Konċentrazzjoni ta' statwi nsibuhom fil-Kappella tal-Isperanza w il-madwar. Diġa semmejna l-istatwi tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa li hemm mal-art qabel tidħol fl-għar taħt iz-zuntier tal-Kappella. Fl-għar innifsu insibu statwa tal-Madonna tal-Isperanza f'niċċa unika tax-xorta tagħha għax magħmula biċ-ċagħak stil rustiku li bħal donnu għamluha hekk biex tiġi taqbel mal-ambjent tal-għar. Id-digriet tal-indulġenzi ta' din l-istatwa flok minqux fil-ġebla qed f'inkwatru w iġib id-data tat-8 ta' Lulju 1927 u x'aktarx qabilha kien oħra ferm eqdem li tmur lura għall-bini tal-istess Kappella, ċioe lejn l-1760, li kienu ngħatawla l-indulġenzi fit-23 ta' Ġunju 1914 (il-lapida tagħha qedgħa wara l-istatwa ta' San Ġwann) u x'aktarx tlifniha meta kien ġie rinovat l-għar f'dawk iż-żminijiet (ma naħsibx li jistgħu jingħataw indulġenzi għal darba tnejn lill-istess statwa u fil-fatt il-jiem tal-indulġenzi baqgħu l-istess ta' 100 jum iżda flok tgħid sempliċi Salve Regina, ridt issa tgħid Missierna, Sliema u Glorja). Fil-faċċata tal-istess Kappella insibu 3 niċeċ b'tan-nofs ftit usa (u taf fil-passat kienet tibda minn filata ibaxx) insibu fiha l-Madonna tal-Isperanza (din taf forsi hi l-istatwa li oriġinarjament kien hemm fl-għar), u l-oħrajn ftit iżgħar b'San Ġużepp f'tax-xellug u Sant'Antnin ta' Padova f'tal-lemin li donnu għamluhom biex jiġu pariġġ it-tlieta qed iżommu l-Bambin. Skont it-tradizzjoni Sant'Antnin ta' Padova twieled nhar l-Assunta fil-15 t'Awissu lejn is-sena 1195 għad-dell tal-Katidral tal-Assunta ta' Lisbona u kellu jkun difensur kbir tat-Tlugħ fis-sema tal-Madonna hekk li l-Knisja tagħrfu bħala d-Duttur ta' l-Assunta u allura forsi kellhom raġuni akbar biex jagħżluħ għall-faċċata tal-akbar u l-isbaħ Kappella li nsibu fil-Mosta. Fil-ġenb taz-zuntier fuq id-daħla tal-għar hemm niċċa b'San Mikiel Arkanġlu bil-wieqfa fuq id-dimonju u li fl-antik kellu xi lanza

f'idejħ li llum hi nieqsa. Ċertu Marija Caruana li mill-bejgħ tal-flieles kienet tgħin ħafna lill-Prokuratur Dun Anġ Camilleri (mlaqqam ix-Xih) biex isiru opri fil-knisja u tissemma li kienet anki ħallset għall-kwadru ta' San Mikiel Arkanġlu li għadu jintrama sal-lum fl-altar tar-Rużarju fir-Rotunda (peress li l-festa tiegħu fid-29 ta' Settembru, ftit jiem qabel tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd t'Ottubru) u mertu tagħha u ta' l-imsemmi Dun Anġ bdiet id-devozzjoni lejħ fil-Mosta, taf kienet ukoll il-moħħ wara din in-niċċa fejn Dun Anġ taf fl-istess żmien fl-għar taħt din il-kappella kien sab post għall-abbozzi tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa. F'Kappella oħra, f'dik ta' San Silvestru nsibu fil-faċċata niċeċ sempliċi bi statwi ta' San Pietru (l-ewwel Papa) u appuntu lil San Silvestru I Papa li tqiegħdu fil-post fit-30 ta' Lulju 2002, xogħol l-iskultur Mosti Savio Deguara, u jidhru qed iżommu l-imfietaħ u l-baklu rispettivament, liema oġġetti saru separatament maħduma fil-bronz.[1] Fil-kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi fil-kampnar tagħha flok il-qanpiena li kienet insterqet kienet inxtrat statwa tal-Kunċizzjoni fl-1989 u tpoġġiet fil-post minflok.



Tliet statwi li nsibu fil-faċċata tal-Kappella tal-Isperanza bi triplets b'Bambin kull wieħed, u San Mikiel Arkanġlu li hemm fil-ġenb taz-zuntier tal-istess Kappella.

Fil-faċċata tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù nsibu l-istatwi ta' Santa Marija Goretti u San Tarċisju, xogħol bikri tal-iskultur Mosti Ġianni Bonnici[2] (1932-2019), f'niċeċ li fil-ħoġor tagħhom fejn hemm l-istatwa hemm mensola f'forma ta' nofs skultella, u fil-ġnub taħt l-istess ħoġor hemm minquxa bħal mazzettuni. In-niċċa tagħlaq bi speċi ta' pediment t'għamla trijangolari. Dawn iż-żewġ qaddisin it-tnejn kienu tfal meta nqatlu u bħal għamluhom ma' post fejn jattendu għat-tagħlim it-tfal biex jieħdu eżempju minnhom. Santa Marija

Goretti kien għad kellha 12-il sena fl-1902 meta wieħed ipprova jabbużaħha u għax irrifjutat spiċċa taħha diversi daqqiet ta' sikkina u sussegwentament mietet xi jumejn wara. Min qatilha darba l-ħabs kellu viżjoni tagħha qedgħa fi ġnien tiġbor il-fjuri tal-ġilju abjad li meta ratu offritlu jieħu minnhom u bdew jinbidlu f'nar meta jmiss xi waħda, u spiċċa biex minn din il-viżjoni kkonverta u anki serva ta' xhud meta ġew għall-beatifikazzjoni tagħha. Mill-banda l-oħra, San Tarċisju għex fi żmien il-persekuzzjoni kontra l-insara taħt ir-Rumani lejn is-sena 260 u kien offra lilu nnifsu biex jieħu l-ewkaristija lill-insara li kienu nqaflu l-ħabs iżda fi triqtu daru miegħu xi tfal oħra, u għax ma riedx jikxef x'kellu moħbi ma' sidru, spiċċa d-dinja l-oħra bix-xebgħa li qala'. Fl-istatwa Marija Goretti tidher b'xitla bil-fjuri tal-ġilju fejn saqajha waqt li San Tarċisju jidher liebes qisu stil ruman bil-mantell u b'karkur tal-epoka, b'idejħ fuq sidru, iżda m'għandux f'idu l-palma tal-martri, u li mhux għax hemm ismu miktub ma kienx ikun faċli tidentifikah. Dawn iż-żewġ statwi kienu tpoġġew f'posthom fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-1968, li dik is-sena ħabtet il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju mal-bidu tal-istaġun Sajfi u l-moħħ warajhom kien Dun Anġ Camilleri (tal-Oratorju) li kien qabbad lill-imsemmi skultur Mosti[3] meta tiġi kien għad kellu xi 36 sena u sab benefatturi għalihom lil Charles J. Vassallo, konslu Malti u mill-Mosta f'San Francisco u emigranti Mostin minn hemm, u lil Mons. Alan Fenech. Ġurnata qabel l-istess Dun Anġ kien għalaq 38 sena.




Statwi li nsibu fil-faċċata tal-Kappelli ta' San Silvestru (2002), ta' Santa Marija taż-Żejfi (1989) u l-aħħar tnejn mal-faċċata tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù (1968).

## Niċeċ u mensoli vojta

Għalkemm fil-maġġor parti in-niċeċ (83.7%) u l-mensoli (78.6%) fil-Mosta nsibuhom mimlijin b'xi statwa, insibu wkoll numru ta' niċeċ u mensoli li għalkemm raw id-dawl tax-xemx, baqgħu qatt ma laħqu l-iskop li għalihom saru u baqgħu vojta (jew taf kellhom statwa u ntilfet maż-żmien, l-oppost ta' xi waħdiet ta' statwi li salvaw iżda n-niċċa li kienu fiha le). Mill-15-il niċċa vojta, l-aktar waħda sabiħa w impressjonanti hi dik ta' Triq Santa Margerita Nru. 75, dar bogħod mill-Palazz ta' Kaspru (jew forsi parti minnu). Hi niċċa arzellata fuq still naħseb Barokk b'pilastru fuq kull ġenb u fuq kollox hemm il-fruntun b'forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu pedestal żgħir b'salib bil-lavur. Il-fruntun għandu ftit ħsara b'parti żgħira tal-lavur nieqsa. Fuq kull ġenb tan-niċċa erġa hemm aktar lavur, bil-gwarniċun fil-ħoġor tan-niċċa jestendi sa taħtu fuq kull naħa. Taħt il-ħoġor hemm skultura oħra u lapida bil-burdura bil-lavur li baqgħet vojta. Fuq il-ħnejja tan-niċċa hemm lapida oħra żgħira din id-darba bil-kliem '*S. Nicolae Bori'* (forsi riedet tiġi Bari) li tati x'tifhem li xi darba kien hemm statwa ta' San Nikola jew taf kienet intenzjonata għal waħda f'ġieħ dan il-qaddis u baqgħet qatt ma saret.

Tlieta minn dawn in-niċeċ vojta qedgħin f'kantuniera. Waħda nsibuha fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Speranza hi sempliċi għall-aħħar sempliċiment reċess fil-ħajt, waqt li l-oħrajn qedgħin fi Triq il-Bażilika kantuniera ma' Triq Stivala u fi Triq l-Oratorju kantuniera ma' Triq it-Torri, bl-ewwel waħda hi arzellata b'entablatura magħmula minn arkitrav, frież u gwarniċun bid-denti, u fuq pediment f'forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs, u l-oħra għandha entablatura, m'għandiex pediment imma għanda fil-quċċata pedestal żgħir u fuqu riljev ta' salib. Fi Triq il-Kungress Ewkaristiku Nru. 190 insibu niċċa arzellata mhux eżatt fil-faċċata imma f'kantuniera tal-ħajt ta' din id-dar li fl-antik kienet mitħna magħrufa bħala "tal-Karmnu" propju minħabba Madonna li kellha fin-niċċa taħt dan it-titlu (li semmejna qabel, illum tinsab f'niċċa fiz-zuntier tal-Kappella ta' Sant'Anton Abbati). Għandha entablatura u fruntun f'forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs fejn insibu pedestal żgħir b'ħafna lavur, fuqu bħal boċċa, u erġa fuqu s-salib.



Niċeċ vojta li nsibu fi Triq Santa Margerita għanda ftit min-niċċa bil-Kunċizzjoni li nsibu fi Triq Carmelo Dimech imma b'aktar lavur. Niċeċ vojta oħra nsibuhom fi Triq il-Bażilika kantuniera ma' Triq Stivala, fi Triq it-Torri kantuniera ma' Triq l-Oratorju, u għodda kopja tagħha imma fuq ħajt lixx, dik li kienet ma' mitħna fi Triq il-Kungress Ewkaristiku (fuq il-lemin turi l-istess niċċa meta kienet għada bl-istatwa tal-Karmnu fiha mżejna bil-qsari sal-bidu tas-snin 90 - ritratt mehud mill-ktieb 'Il-Madonna tal-Karmnu fit-Toroq tal-Maltin' ta' Tony Terribile f'pagna 33).

Niċċa vojta arzellata oħra nsibuha fi Triq Speranza Nru. 113 li għadha entablatura li tispiċċa bi gwarniċun ftit aktar imponenti u fuqu pedestal żgħir bis-salib. Fi Triq il-Kbira Nru. 118 insibu niċċa oħra arzellata b'entablatura u bil-fruntun f'forma ta' 'S' li mhux kontinwu fin-nofs u għandu ħafna ħsara f'parti minnu. Fi Triq Speranza Nru. 24 insibu waħda li fuq l-entablatura għadha pedestal żgħir b'salib, u simili ta' din imma mingħajr salib insibu waħda fi Triq il-Qasira Nru. 26. Ftit aktar sempliċi nsibu waħda fi Triq San Ġwann Nru. 37 u oħra fi Triq il-Parroċċa Nru. 15 u nsibu waħda li saret riċentament f'binja ġdida f'kantuniera Triq il-Pont ma' Triq Baskal Buhagiar li tikkonsisti f'sempliċi burdura mad-dawra. Fi Triq San Pawl tal-Qlejgħa ma' faċċata ta' razzet ukoll insibu niċċa vojta b'burdura sempliċi u b'lapida taħta bil-kliem '*Qalb helwa ta' Ġesù kun l-imhabba tiegħi*,' tifkira ta' żmien ieħor meta din in-niċċa kellha statwa tal-Qalb ta' Ġesù.



Żewġ niċeċ arzellati vojta li nsibu fi Triq Speranza Nru. 113 u Triq il-Kbira Nru. 86, u oħrajn fi Triq San Ġwann Nru. 37 u fi Triq Speranza Nru. 24, bl-istatwa tal-Assunta li tmermret / intilfet maż-żmien li kellha tidher fit-tarf lemin (ritratt meħud mill-ġurnal Il-Mosta: Mejju-Ġunju 1987, p. 5 li jfisser li kienet għadha fil-post sa dak iż-żmien).

Mit-3 mensoli vojta li nsibu fil-Mosta, dik ta' Triq il-Bażilika Nru. 124 hi waħda mill-isbah bi skultura fil-parti ta' taħt tagħha u tagħlaq bi gwarniċun fuq. It-tnejn l-oħra ftit sempliċi nsibuhom fi Triq il-Kbira Nru. 151 u fi Triq il-Qasira Sqaq Nru. 1 Nru. 34. Fi Triq il-Kbira Nru. 191 insibu xi ħaġa unika fil-Mosta għax għandha l-forma ta' niċċa b'burdura u bi gwarniċ żgħir fil-parti ta' fuq u erġa fuqu nsibu bħal nofs skutella, iżda n-niċċa nfisha mhix apsidata, ċioe mhix imdaħħla / reċessata fil-ħajt fil-parti fejn suppost tiġi l-istatwa, u qisu minn għamila kellu ħsieb oriġinali għall-aħħar li jagħmel xi riljev (jew forsi xi pittura) fil-vojt li baqa' qatt ma sar.



Fuq ix-xellug niċċa vojta fi Triq il-Parroċċa, mensoli vojta fi Triq il-Bażilika Nru. 124 u Triq il-Kbira Nru. 151, u niċċa partikulari mingħajr ir-riċess fil-ħajt fi Triq il-Kbira Nru. 191.

## L-istatwi fil-portiku u zuntier tal-knisja

Fil-portiku u fuq iz-zuntier tal-knisja insibu xejn anqas minn 14-il statwa mill-kbar li jagħmel il-Mosta r-raħal bl-aktar konċentrazzjoni ta' statwi f'post

wieħed u ta' dan id-daqs fejn dawk fin-niċeċ huma ta' daqs erġa akbar minn bniedem.

Fuq quddiem taz-zuntier b'mod prominenti insibu nistgħu ngħidu s-Sagra Familja, bl-Assunta l-patruna tar-raħal fuq naħa u San Ġużepp bil-Bambin in-naħa l-oħra. Kienu saru fl-1931 mill-iskultur Ċensu Apap għaz-zuntier li kien sar f'għamla ġdida fl-1928 żmien l-Arcipriet Dun Pawl Mallia, u reġgħu saru mill-ġdid kopja imma tal-bronż fil-funderija tal-brunżar Joseph Chetcuti ta' Ħal Luqa fl-2010 żmien l-Arċipriet Dun Mario Tong. Maz-zuntier kif kien qabel ukoll kien hemm statwi tal-Assunta u San Ġużepp taf xogħol il-Mosti Salvatore Dimech li tlifnihom.

Rigward il-kumplament tal-istatwi l-oħra, ċioe tal-Appostli, dawn saru żmien l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina bejn l-1966-74 u 'n partikolari għall-ewwel 4 statwi li tlestew dawk ta' fuq, kien hemm biċċa taħbil il-moħħ kif se jaqbdu jtellgħuhom u għal dan kien meħtieġ bini ta' żewg torrijiet għoljin tal-ħadid minn Joseph F. Spiteri mill-Pieta u nkarigat mit-tlugħ tagħhom kien Ġorg Pace minn Ħal Qormi bi spiża ta' £200.[4] Kull statwa qamet madwar £350 u ħallsu għalihom diversi benefatturi, b'Dun Salv Magro li kien l-prokuratur tal-knisja kien iħajjar lil dak u l-ieħor biex jagħmlu tajjeb ghal tali statwi u jnaqxulhom isimhom fuq l-istatwa w indirettament fl-istorja: dawk l-4 Appostli ta' fuq tpoġġew ftit qabel Santa Marija tal-1966: San Ġwann l-Evanġelista (mħallas minn Dun Ġwann Debono tad-Dubais), Sant'Andrija (Wenzu Galea), San Ġakbu (Dun Karm Mifsud tal-Bagni) u San Tumas (Anġlu Aġius Ta' Barabanja li kien laħaq miet fl-1964 qabel ra l-opra); f'Jannar 1968: San Bartilmew (l-Arċipriet Dun Bert Bezzina) u San Filep (Franġisku Buhagiar Ta' Bażżu); f'Lulju 1968: San Ġakbu ż-Żgħir (Joseph Fenech) u San Mattew (Ġanni Scicluna Ta' Matti, għax missieru kien Mattew), fl-1969 l-Appostli fit-truf tal-portiku: San Xmun (Joseph Fenech) u San Ġuda Taddew (Karmnu Aġius il-Bonu); fl-1974 l-Appostli fuq iz-zuntier: San Pietru u San Pawl (it-tnejn Ġużeppi Grech ta' Luni, għax missieru kien Leone).

Rigward kif iddeċidew fejn kif se jpoġġu l-Appostli, l-akbar tnejn f'għajnejn il-knisja, San Pietru u San Pawl li għandhom festa komuni l-Imnarja fid-29 ta' Ġunju, poġġewhom fuq pedestal għalihom fuq iz-zuntier wieħed fuq kull naħa.

Għall-4 oħra jidher li mxew mal-ġurnata tal-festa tagħhom kif kienu jsiru fl-antik, hekk li nsibu lil San Ġakbu ż-Żgħir u San Filep li dari kellhom festa komuni fl-1 ta' Mejju poġġewhom isfel wieħed fuq kull naħa tal-bieb il-kbir, waqt li lil San Xmun u San Ġuda Taddew li dari kellhom festa komuni fit-23 t'Ottubru poġġewhom fit-truf estremi tal-portiku f'niċeċ rettangolari fejn il-bibien iż-żgħar. Liż-2 Appostli Evanġelisti San Ġwann u San Mattew x'aktarx kellhom oriġinarjament il-ħsieb li jpoġġuhom fin-niċeċ t'isfel li fadal bejn dawk l-4 msemmija aktar qabel. Imma naħseb li peress li ġara li l-qassis Dun Ġwann Debono ħallas għall-istatwa ta' qaddisu San Ġwann, u fl-istess nifs l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Bartilmew Bezzina ħallas għall-istatwa ta' qaddisu u raħlu l-Għargħur San Bert, Dun Ġwann taf ħass li kellu jċedi l-post aktar prominenti (isfel flok fuq, fejn l-isem jinqara faċilment) għall-istatwa tal-Arċipriet (Mosti juri l-apprezzament tal-ġest ta’ wieħed minn barra r-raħal) bir-riżultat li flok San Ġwann u San Mattew, insibu minflok fin-niċeċ t'isfel lil San Bartilmew u San Mattew, b'San Ġwann jispiċċa minflok relegat għan-niċċa li tiġi fuq dan San Bert. Rigward il-kumplament ta' l-istatwi l-oħra ta' fuq, ta' Sant'Andrija (hu San Pietru) poġġewh fin-niċċa li kien fadal fuq ix-xellug fuq, forsi biex jiġi mal-istess naħa ta' ħuħ San Pietru (qed fuq pedestal fuq iz-zuntier fuq ix-xellug), San Ġakbu l-Kbir (kien jiġi hu San Ġwann l-Evanġelista, ulied Zebedew) poġġewh fin-niċċa fuq il-lemin fuq tal-bieb il-kbir (forsi biex jiġi pariġġ ma’ San Ġakbu ż-Żgħir qed isfel fuq ix-xellug tal-bieb il-Kbir u livell ma’ ħuħ San Ġwann fuq) u San Tumas poġġewh fin-niċċa li kien fadal fuq il-lemin fuq (forsi biex jiġi n-naħa tal-Lvant [lemin] Imbiegħed biex ifissru li kien mar jevanġelizza l-Indja).

Inzerta li lejn l-2020 kont qed nitkellem ma’ ċertu Karmnu Vella Ta' Ċomba li bħal diversi Mostin ta’ żmienu hu u qrabatu kienu mqabbdin għal żmien twil fix-xogħol tal-barrieri. Ġie l-kliem fuq kif inġarru l-ġebel li minnhom inħadmu l-istatwi tal-Portiku u qalli li l-iskultur kien mar jordnaħhom minn għandhom, propju mill-barriera li kellhom lejn is-Siġġiewi. Qalli li biex jaqtgħu l-blokka, kienu jużaw is-sega l-kbira li tonda kienet tasal biss sa fond 1'3” minn kull naħa (assumi l-wiċċ u l-ġnub mikxufin, jonqos jaqtgħu l-blokka minn taħt) u mbagħad permezz ta' njama kienu jillevawa ftit u tinqata' l-kumplament minn taħt. Biex jagħbbuha fit-trakk, mill-mod kif fhimtu jien, kienu jkunu 2 trakkijiet wieħed wara wieqaf u ieħor quddiem bil-ħabel għaddej minn fuq il-kabina tal-

ieħor qed jiġbed il-blokka. Darba l-blokka jġibuha wieqfa fuq xi zrara, kienet tiġi nofsha għola mill-kaxxa tat-trakk ta' wara, u allura t-trakk ta' quddiem darba jiġbed naqra oħra kien imejjilha minduda għal ġol-kaxxa nassumi fuq xi lasti tal-injam biex tkun tista' tirrombla għal kumplament ta' ġewwa tal-kaxxa. Qalli li kienu żammewlu xi £5 kull blokka u jidher li sakemm inħadmet mill-iskultur Qormi Marco Montebello swiet lill-benefatturi li ħallsuha xi £350 il-waħda. Rigward l-iskultur Mosti Farbrizio Bartolo (1888-1960), kien qalli li kienu joħdulu blokka u mbagħad hu kien joqgħod jissegaħha biċċiet għall-ħxuna u d-daqs tar-riljev li jkun se jaħdem.

## Fanali

Il-fanal nistgħu ngħidu li kien ikun l-ispiża tal-aħħar, iċ-ċirasa fuq il-kejk, fejn darba daħħalt idek fil-but biex għamilt in-niċċa u armajta bl-istatwa u bil-lavur, m’intix se toqgħod tixxaħħaħ għal biċċa fanal u araħ sejjer għand il-ħaddied u l-landier biex jagħmillu wieħed ħalli jtemm l-opra li jkun daħal għaliha. Il-ħadida li twassal għall-fanal flok ġejja għad-dritt jew sempliċi kurvatura, aktar hemm ċans li ssibha ‘ferro battuto’ b’xi disinn elaborat bħal b’xi forma ta’ spiralli ħerġin mill-ħadida propja u tidwir ieħor. F’ħafna drabi l-ħadida tal-fanal tkun magħmula li taqbad ma’ anella mdaħħla fil-ħajt biex tkun tista’ ddur fuqha nfisa u permezz t’hekk sid in-niċċa ikun jista jiġbed it-tali fanal permezz ta’ ganċ lejn it-tieqa jew gallarija. B’hekk ikun jista’ jixgħel il-fanal bil-kumdita kollha u jevita li jkollu juża xi sellum. Il-fanal innifsu, taf speċjalita tal-landier, ried ikun jiflaħ ghall-irjieħat b’bieba li tista’ tinfetah tingħalaq tajjeb u toqob ghall-arja magħmula li r-riħ ma jitfihx u daqstant ieħor ix-xita ma tidħolx, f’xi każi kien ikun biċċa arti minnu 'n fiħ, u ma tistgħax ma tistgħaġibx bil-ħila ta' dawn iż-żewġ snajja' f’dawk iż-żminijiet kif kien jirnexxielhom jaħdmu ċerti partijiet fiċ-ċokon u jgħaqdu kollox flimkien. Biċċa xogħol oħra naħseb minn id il-landier kienet tkun l-istellarju ma’ ras ngħidu ahna l-Madonna jew il-Bambin u xi labtu tal-metal biex jiddendel minn idhom.



Wħud mill-fanali li fadal mal-istatwi fil-Mosta: Fuq għandhekk ta' ma' statwi kbar fuq pedestal, tal-Assunta ta' Pjazza Britannja, tal-Assunta ta' Triq it-Torri, u ta' San Ġużepp ta' Triq il-Bażilika. Taħt hemm tal-Assunta ta' Triq il-Bażilika Nru. 171, tal-Karmnu fi Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Tonna, u ta' San Ġużepp ta' Triq il-Ġilju.

Għalkemm il-fanal kien intenzjonat biex jikkumplimenta tali niċċa jew statwa, kellu wkoll skop ieħor. Fiż-żmien meta ma kienx jeżisti d-dawl elettriku, bis-saħħa tan-niċċa u tal-fanal li hemm magħha kont tista ddawwal xi ftit il-faċċata tad-dar. B'hekk kont tevita dak id-dlam ċappa u forsi tiskansa minn xi serqa, u b'naqra ftila mixgħula biż-żejt kont tagħmel il-ħajja lill-ħalliel xi ftit aktar diffiċli flok tħallih jopera bil-kumdita kollha fis-satra tal-lejl. Fi kliem ieħor, il-flus li tkun ħrigt għan-niċċa u bi skuża tagħha għall-fanal ikunu mberkin għax taf jiffrankawlek għawġ u saram bla bżonn. Fil-fatt l-ewwel statwi fil-Belt jingħad li ndirettament twaqqfu b'dan l-iskop fejn ċertu Ġermaniz Gran Prijur tal-Ordni, Wilhelm Nisselrode-Reichenstein (1677-1754), b'devozzjoni kbira lejn il-qaddisin, kien waqqaf spejjeż tiegħu l-ewwel 5 statwi fil-maġġor parti fuq pedestalli f'kantunieri ewlenin tal-Belt. M'għandnix xi ngħidu li l-ideja ntgħoġbot u bdiet diehla bil-mod il-mod fl-irħula wkoll.

Iżda kif jgħidu, mhux kollox ward u żgħar, għax il-ħadid u l-ġebla mhux dejjem imorru tajjeb flimkien. Il-ġebla Maltija hi ratba u poruża (tixrob l-ilma) u l-ħadida esposta għall-estremitajiet tat-temp jekk ma tieħux ħsieba għanda

mnejn issaddad, tespandi u taqsamlek il-ġebla. Fi kliem ieħor, darba krejta trid toqgħod għaliha, u kultant żmien trid iddur l-oġġett jew tispiċċa titlef dak li b'tant sagrifiċċji tkun ħdimt għaliħ. Ukoll nistgħu nirraġunawha li jekk tali niċċa għandha fanal jew forma fejn seta' kellha wieħed, trid tkun eqdem minn ċirka 1920-30s meta beda bil-mod dieħel id-dawl elettriku fl-irħula.

## Identifikazzjoni tal-Istatwi

F'xi każi l-identifikazzjoni hi faċli għax l-istatwi jkollhom miktub l-isem tal-qaddis bħal fil-każ tan-niċeċ tal-portiku iżda f'każ li le trid toqgħod fuq karatteristiċi li t-tali qaddis ikollu assoċjat miegħu bħall-martirju, leġġendi, karigi li okkupa jew doti li jkun magħruf għalihom u li jiddistingwuh mill-oħrajn. Fost dawk irraffigurati bil-martirju tagħhom insibu lil San Bartilmew tal-portiku qed iżomm sikkina u ġildu għax jingħad li tqaxxar ħaj, San Pawl f'xi każi jidher bix-xabla għax qatgħulu rasu biha, San Xmun iżomm is-serrieqa għax kien tqatta' biċċiet biha, Sant'Andrija bis-salib forma ta' X li ssallbuh miegħu, lil San Tumas f'każ minnhom insibuħ iżomm il-lanza għax jingħad li qatluħ bihom, u San Filep (l-Appostlu, mhux ta' Aġira l-patrun ta' Ħaż-Żebbug) bis-salib għax jingħad li salbuħ.



San Bert, San Pawl, San Xmun, Sant'Andrija u San Tumas, ħames kapolavuri minn id Marco Montebello fejn irraffigura dawn l-Appostrli b'karatteristiċi assoċjati mal-martirju tagħhom.

## L-istatwi tal-Evanġelisti

Is-simboli assoċjati mal-Evanġelisti ġejjin mill-ktieb tal-Apokalissi fejn f'Kap. 4 vers 7 jissemmew il-krejaturi li kienu madwar it-tron t'Alla, b'wieħed jixbah iljun, ieħor barri, ieħor ajkla, u ieħor kellu wiċċ qisu ta' bniedem, liema kreaturi ġew assoċjati ma' San Mark, San Luqa, San Ġwann u San Mattew rispettivament. Fil-fatt l-erba' Ġwannijiet li nsibu fil-Mosta kollha nsibuhom bl-ajkla, San Luqa tal-għar tal-Isperanza bl-għoġol (wild il-barri / baqra), waqt li San Mattew tal-portiku hu raffigurat bir-rixa f'id waħda qed jikteb ktieb li qed iżomm bl-id l-oħra flimkien ma' anġlu, liema anġlu spiraħ biex jikteb l-istess Evanġelju.




L-istatwi tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa li nsibu fuq il-Presbiterju u l-abbozzi tagħhom fl-għar tal-Kappella tal-Isperanza, u l-Evanġelista l-ieħor San Mattew li nsibu fil-Portiku.

## Statwi raffigurati skont il-kariga tal-Qaddis

Fost dawk li jintgħarfu mill-kariga li kienu jokkupaw insibu li San Silvestru li kien Papa, u San Nikola u San Bernardu li kienu jew kienu se jkunu Isqfijiet u taf issibhom bil-mitra jew qed iżommu xi baklu, San Injazju ta' Loyola li kien qassis li waqqaf l-ordni tal-Ġizwiti ssibu liebes l-alba u fuqha l-pjaneta li qassis jilbes meta jkun se jqaddes xi quddiesa, San Vinċenz de Paul kien qassis issibu bis-suttana, San Franġisk Saverju kien qassis Ġizwita missjunarju issibu bil-libsa tal-Ġiżwiti, Sant'Antnin ta' Padova b'ċoqqa ta' patri Franġiskan, San Anġeliku b'ċoqqa tal-Karmelitani.

## Statwi li għandom assoċjat magħhom xi leġġenda jew storja

Qaddisin li hemm xi leġġenda jew storja marbuta magħhom diġa semmejna fl-ewwel parti l-każijiet ta' San Nikola li nsibuħ iżomm l-Evanġelju bi 3 boċċi fuqu, San Tumas li nsibuħ iżomm l-iskwerra u lil Santa Barbara li nsibuha b'xi torri. San Filep tal-portiku apparti jżomm is-salib (il-martirju tiegħu), qiegħed fuq dragun, liema dragun oriġina minn leġġenda li ma tantx tagħmel sens fi żminijietna li tgħid li kien ma' pedestal ta' xi statwa ta' Mars, b'San Filep iwiegħed lin-nies ta' tali belt li jekk ikissru dan l-idolu kien jeħlishom mid-dragun u jirxoxta lin-nies li kien qatel, u għax semgħu minnu jingħad li hekk ġara w in-nies ikkonvertew. Id-domna b'wiċċ ta' Kristu fuqha li jidher iżomm l-Appostlu l-ieħor San Ġuda Taddew tal-portiku, oriġinat minn leġġenda li tgħid li ċertu Re Abagar ta' Edessa li kien marid bil-ġdiem kien bagħat artist biex jagħmillu pittura ta' Ġesù u dan Ġesù imqanqal bil-fidi ta' dan ir-Re ħalla l-marka ta' wiċċu fuq biċċa drap li bagħatilu ma' San Ġuda u permezz t'hekk spiċċa tfejjaq mill-mard. L-imfietaħ ta' San Pietru oriġinaw mill-kliem li qallu Ġesù li nsibu fl-Evanġelju skont San Mattew Kap. 16, vers 19 fejn jgħidlu '*Nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet, kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet,…*'. San Pawl mhux inqas minnu għax il-lifgħa tiegħu oriġinat mill-Atti tal-Appostli fejn fl-ahhar Kapitlu, dak Nru. 28 jitkellem dwar in-nawfraġju tiegħu f'Malta u jsemmi l-inċident tal-lifgħa li qabdet m'idu meta kien qed jitfa' xi ħatab fin-nar li iżda hu farfar lura fin-nar mingħajr ma ġralu xejn.



San Ġuda Taddew tal-portiku qed iżomm domna bil-wiċċ ta' Kristu waqt li San Filep għandu dragun taħt saqajħ u appostlu ieħor San Pietru fil-faċċata tal-Kappella ta' San Silvestru qed iżomm l-imfietaħ. L-unika riljev li fadal tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq tal-Wej u frontispizju t'arblu fi Vjal l-Indipendenza b'Assunta maħduma fuq Santa Marija li jekk inkomplu bir-ritmu nwaqqghu u kullimkien nibnu flatsijiet taf m'ghandhomx ħajja twila.

Sant'Antnin ta' Padova nsibuħ iżomm il-Bambin għax jingħad li meta kien sab kenn għand xi sinjur kellu viżjoni ta' Kristu Bambin u seħel li s-sinjur ittawwal fil-kamra dak il-ħin u raħ iżomm lill-Bambin f'idejħ. Din ir-rappreżentazzjoni ta' Sant'Antnin forsi tfixklu ma' San Ġużepp li wkoll dejjem insibuħ bil-Bambin f'idejħ, li iżda jiddistingwuhom hemm li Sant'Antnin jkun ġeneralment bit-tonsura (il-qurriegħa ta' rasu mqaxxra tond ħlief għal faxx xagħar isfel dawramejt), biċ-ċoqqa tal-Franġiskani, żgħir fl-eta (miet fl-1231 se jagħlaq 36 sena) u bla daqna, u bil-Bambin mhux qiegħed direttament fuq idu imma bil-qedgħa fuq il-ktieb li qed iżomm f'idejħ li jirrappreżenta l-għerf, it-tagħlim u t-tixrid tal-ktieb tal-Bibbja u l-Evanġelju minnu.

Il-ħanżira ma' saqajn Sant'Anton Abbati jingħad li oriġinat minn ordni monastika fil-medju evu magħrufa bħala l-Ospedaljeri ta' Sant'Anton li kellhom bħala speċjalita l-kura tal-mard tal-foqra, u li kienu jilbsu l-iswed u jfendu l-karitajiet tagħhom billi jrabbu l-ħnieżer li mix-xaħam tagħhom kienu jagħmlu

bħal mediċina li ttaffi l-uġigħ u l-ħruq tal-morda. Għal din ir-raġuni Sant'Anton Abbati l-patrun tagħhom spiċċa raffigurat bl-istess ilbies u bil-ħanzira bħala karatteristiċi tiegħu u bis-saħħa t'hekk ukoll hu marbut mal-marda 'Hruq ta' Sant'Antnin' (bl-Ingliz *Shingles* jew *Herpes Zoster* - marda tal-ġilda li tikkawża ħruq u jitilgħu bħal infafet fil-parti affetwata). Karatteristika oħra ta' dan il-qaddis hi l-bastun tiegħu li jispiċċa forma ta' 'T' (it-Tau, li kien is-simbolu tal-insara t'Alessandria l-Eġittu) u qanpiena li ġieli jkollu mdendla miegħu (min jgħid biex ikeċċi l-ispirti ħżiena jew kien idoqqa hu u jiġbor għall-karita) kif inhu l-każ fl-istatwa tiegħu li nsibu fil-pjazza ta' Sant'Anton Abbati. Ġieli hu raffigurat ma' San Pawl l-Eremita bħal fil-każ tar-riljev li nsibu fiz-zuntier tal-Kappella ta' San Pawl l-Eremita li bħalu għex l-Eġittu u jingħad li Sant'Anton kien mar iżuru fl-aħħar ta' ħajtu. San Pawl l-Eremita normalment jirraffigurawh xiħ u b'xi ċawlun għax jingħad li miet ta' xi 112 sena u ċawlun kien iġiblu nofs kisra ħobz kuljum iżda f'dan l-imsemmi riljev hu raffigurat liebes iċ-ċoqqa forsi ta' eremit. San Ġwann il-Battista li jiddistingwih hu l-bastun tiegħu li oddu bħal ta' Sant'Anton forma ta' 'T' imma bil-parti ta' fuq tiegħu tisponta ħarira f'għamla ta' salib, u forsi l-ħaruf li mhux inkluż fiż-żewġ riljevi li nsibu tiegħu fil-Mosta (l-assoċjazzoni tal-ħaruf miegħu ġejja mill-Evanġelju ta' Ġwanni Kap 1, vers 29 fejn jissemma li meta dan ra lil Ġesù identifikah bħala 'Hawn hu l-ħaruf t'Alla').

L-Ecce Homo ġej mill-kliem *'Dan hu l-bniedem'* li Pilatu kien qal lil miġgħema ta' Lhud biex joħduh f'idejhom wara li taħ is-swat għax hu ma jsib l-ebda ħtija aktar fiħ biex jikkundannaħ (Ġwanni 19:5), u nsibuħ raffigurat bil-kuruna tax-xewk u l-mantel li s-suldati kienu għadhom kif libsulu biex jirridikolawh. Il-Qalb ta' Ġesù nsibuħ b'qalb fuq sidru bi fjamma ħierġa minnha u b'subgħajħ ippuntat lejha li ġejja mill-viżjoni ta' Ġesù li Santa Margerita Alacoque kellha lejn l-1674 u li tirrappreżenta l-imħabba u l-kompassjoni ta' Kristu lejn l-umanita. Il-Qalb ta' Ġesù ta' Triq Tal-Wej insibuħ ftit differenti fejn flok bil-qalb fuq sidru jidher qed iżomm qalb f'idejħ. Fl-aħħar, San Mikiel Arkanġlu hu rraffigurat liebes armat u b'xi lanza f'idejħ u bix-xitan f'xi forma ta' dragun taħt saqajħ li jirrappreżenta lil Luċifru u l-anġli ħżiena li rribellaw kontra Alla.



L-Ecce Homo ta' Triq il-Pont u l-Qalb ta' Ġesù ta' Triq Ġlormu Cassar (mad-dar fejn kien joqgħod Dun Anġ Camilleri [1930-2009], għal żmien twil Direttur tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù) u s-similaritajiet tagħhom mas-santi rispettivi.

## Statwi rappreżentati bid-doti li t-tali qaddis hu magħruf għalihom

Uħud mill-istatwi jintgħarfu mid-doti li tali qaddis għandu assoċjati miegħu. Hekk insibu li l-imsemmi Sant'Antnin ta' Padova nsibuħ ukoll qed iżomm xitla bil-fjuri tal-ġilju li tirrapreżenta l-purita tiegħu w il-ġlieda tiegħu tul ħajtu kollha kontra l-ħazen u d-dimonju. San Ġużepp ukoll sikwit insibuħ bix-xitla bil-fjuri tal-ġilju għalkemm ġeneralment ikun qed iżomm bastun sħiħ li minnu bħal herġin dawn il-fjuri. Għal darb'oħra tirrapreżenta l-purita tiegħu w ukoll il-kastita li ndirettament tirrapreżenta l-verġinita tal-Madonna. Il-ġilju ma' Santa Marija Goretti sa ċertu punt għandu wkoll dan is-sinifikat għalkemm propjament oriġina mill-viżjoni tagħha li kellu minn qatilha fejn raħha qed tiġbor il-fjuri tal-ġilju kif semmejna qabel. San Franġisk Saverju insibuħ bis-salib f'idejħ li jirrapreżenta l-missjoni tiegħu biex iwassal l-Evanġelju lin-nies tal-Lvant Imbiegħed fejn mar b'dan l-iskop fosthom fl-Indja u b'anqas suċċess fil-Ġappun u fiċ-Ċina fejn spiċċa marad bid-deni u miet fit-3 ta' Diċembru 1552. San Vinċenz de Paul insibuħ bi tfajjel f'idu u ieħor fejn siequ għax hu magħruf li għamel ħafna karita mal-foqra.




Ir-riljevi ta’ San Ġużepp u Sant’Antnin ta’ Padova li nsibu fi Triq il-Kbira ma’ djar Nri. 101 u 64 rispettivament, biż-żewġ qaddisin raffigurati bix-xitla tal-ġilju. Aktar 'l isfel l-istatwa ta’ San Franġisk Saverju u s-similaritajiet tagħha ma’ santa ta’ dan il-qaddis.

## Statwi mmudellati minn pitturi

Wħud mir-raffigurazzjonijiet tal-istatwi oriġinaw u jistgħu jiġu identifikati minn pitturi. Lil Kristu nsibuħ raffigurat fosthom f’żewġ statwi ta’ Kristu Salvatur qed iżomm globu f’idejħ, liema raffigurazzjoni kif diġa għidna oriġinat minn pittura ta’ Leonardo li biha ried iwassal il-messaġġ li Kristu ġie biex isalva lid-dinja. L-istess it-titlu tal-Madonna tal-Bon Kunsill oriġinat minn pittura meqjusa mirakoluż fi knisja tal-Agostinjani f’raħal fl-Italja li kienet saret kult ta’ devozzjoni. Semmejna wkoll il-pittura ta’ Raffaello tal-‘*Madonna della Seggiola*’ li minnha l-iskultur Bizzju kien holoq riljev, lil San Injazju ta’ Loyola raffigurat sa ċertu punt minn pittura ta’ Peter Paul Rubens, u lil San Vinċenz de Paul maħdum minn santa ta’ dan il-qaddis. San Franġisk Saverju ta’ Triq il-Kbira qed iżomm salib f’idejħ ukoll x’aktarx oriġinat minn raffigurazzjoni simili ta’ dan il-qaddis kif jidher f’santi antiki. Fuq l-Immakulata Kunċizzjoni li tissimbolizza lill-Madonna mwielda (konċeputa) Immakulata (bla tebgħa, bla dnub) jidher li fis-seklu 15 l-artisti kellhom biċċa uġigħ ta’ ras kif se jaqbdu jirraffigurawha u għall-aktar minn 150 sena ħadd ma seta’ jsib tarf din il-problema sakemm pittur Spanjol, ċertu Francisco Pacheco, lejn ċirka 1621 ħa ispirazzjoni mill-Ktieb tal-Apokalissi fejn f’Kapitlu 12 Vers 1 tissemma ‘*mara mżejjna bix-xemx, u bil-qamar taħt saqajha, u b’kuruna ta’ tnax-il kewkba fuq rasha.*’ Fil-ktieb tiegħu ‘*L-Arti tal-Pittura*’ li nħareġ fl-1649, 5 snin wara mewtu, kien niżżel il-punti ewlenin kif għanda tkun rappreżentata l-Kunċizzjoni f’għamla ta’ tfajla ta’ xi 12 jew 13-il sena fil-fjur ta’ ħajjitha, liebsa tunika bajda b’mantell blu,

mdawra bix-xemx, bid-dija ħerġin minn rasa fejn hemm ċirku bi 12-il kewba, b’kuruna fuq rasa u l-qamar taħt saqajha. Għandi nifhem allura li niċeċ fil-Mosta bil-Kunċizzjoni l-eqdem fosthom raffigurati b'dan il-mod, ma jistgħux ikunu eqdem minn dan l-annu, għalkemm il-konnessjoni mal-Kunċizzjoni fil-Mosta tmur lura snin hekk li l-istess Viżitatur Apostoliku Pietru Dusina jsemmi Kappella tal-Kunċizzjoni li kien żar fil-Mosta fl-1575, li nbniet mill-gdid lejn l-1653 (jew taf l-1658), u erġa mill-ġdid wara l-gwerra għal dik li hemm illum f'Ta' Vnezja.

Għall-istatwi tal-portiku tal-Appostli San Ġakbu (il-Kbir) u San Ġakbu ż-żgħir donnu l-iskultur Montebello ma tantx sab karatteristiċi assoċjati magħhom u għalhekk spiċċa għamilhom it-tnejn iżommu verżjoni differenti ta’ bastun, bl-ewwel wieħed xiħ bid-daqna għandu l-Evanġelju f’idejħ u l-ieħor raffigurat żgħir fl-eta bi ftit daqna, il-bqija li mhux għax hemm l-iskrizzjoni ta’ isem il-qaddis ma tantx hemm x’jiddistingwihom.




L-evoluzzjoni ta’ kif tiġi rraffigurata l-Kunċizzjoni. Tax-xellug kif irraffiguraha għall-ewwel darba l-pittur Spanjol Francisco Pacheco ċirka l-1621 ispirat mill-viżjoni ta’ mara u d-dragun li nsibu msemmija fill-Ktieb tal-Apokalissi. Ta' fejna varjazzjoni ta’ pittur Spanjol ieħor Fracisco de Zurbarán ta’ ċirka l-1635 fejn il-Madonna qegħa minflok b’mantel miftuħ u fuq il-parti ta’ dahra biss, b’idejha miftuħin, iżda żamm in-nofs qamar u l-kuluri tipiċi blu u abjad. Verżjoni oħra maħduma mill-imsejħa midalja mirakoluża tidher mingħajr qamar, qedgħa b’idejha miftuħa u fuq globu. Fuq il-lemin l-istatwi fil-Portiku tal-Appostli San Ġakbu u San Ġakbu ż-Żgħir fejn donnu l-iskultur Montebello ġie bejn ħalltejn kif se jaqbad jirraffigurahom għax ma tantx hemm karatteristiċi marbuta magħhom.

## Statwi li jirraffiguraw lill-Madonna

Il-Madonna nsibuha taħt diversi titli li wħud minnhom ukoll oriġinaw minn leġġendi jew apparizzjonijiet tagħha. Fil-każ tal-Madonna taċ-Ċintura jidher li meta Santa Monica kienet fid-dulur minħabba l-mewt ta’ żewġha u l-

indifferenza ta' binha, kellha dehra tal-Madonna bil-Bambin li ppruvat tfarraġha u tikkunslaha u anki tata ċ-ċintura (bhal ċinturin) biex tilbes bħala tifkira kontinwa tal-preżenza tagħha u bħala sinjal viżibli ta' nkoraġġiment u konsolazzjoni. Min dak il-mument din Monica libset din iċ-ċintura u wara l-konverżjoni ta' binha, dak li kellu jkun Santu Wistin, għaddieta lilu bħala sinjal tal-protezzjoni dejjiema tal-Madonna u eventwalment spiċċat l-element prinċipali li jiddistingwi l-Ordni tal-Agostinjani. Konsegwenza ta' din l-istorja l-Madonna taċ-Ċintura hi magħrufa wkoll bħala tal-Konsolazzjoni.[5] Mill-banda l-oħra l-Madonna tal-Karmnu oriġinat mill-għolja tal-Karmnu li nsibu fit-tramuntana ta' Israel tallum fejn ħafna sekli qabel Kristu, il-profeta Elija jingħad li kien jgħix u jmur biex jimmedita u anki waqqaf l-ewwel grupp ta' dixxipli / eremiti. Fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu grupp ta' eremiti ispirati mill-ħajja ta' dan il-profeta kienu rtiraw fuq l-istess għolja u spiċċaw jissejħu Karmelitani. Kienu waqqfu fil-post Kappella ddedikata lill-Madonna meta jingħad li fis-16 ta' Lulju 1251 il-Madonna bil-Bambin f'idejha dehret lil wieħed mill-ewwel pirjoli tal-Ordni, ċertu wieħed Ingliz San Simon Stock, u tatu l-labtu bil-privileġġ li min imut imlibbes bih, ma jsofrix in-nar ta' dejjem.[6] Propju f'din il-ġurnata tas-16 ta' Lulju hi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Karmnu w il-labtu dejjem insibuħ doppju għax suppost wieħed jintlibes fuq is-sider fuq quddiem u l-ieħor fuq wara fuq id-dahar, u li t-tnejn ikunu maqgħudin permezz ta' żewġ żigarelli li jgħaddu minn fuq kull spalla għax oriġinarjament taf kien f'forma ta' fardal li wara sar f'minjatura ta' labtu hekk li bit-Taljan hu magħruf bħala *scapula* (għax għandha x'taqsam mal-ispallejn). Xorta l-kelma labtu li nużaw ġejja mit-Taljan *l'abito* li tfisser il-libsa.

L-Assunta li tirrappreżenta t-tlugħ tal-Madonna fis-sema tkun normalment b'idejha miftuħin u jekk mhux it-tnejn almenu waħda minnhom ġeneralment tkun 'l fuq, fuq xi sħaba, bil-mant ukoll imtajjar 'l fuq, u taf b'sett ta' anġli qed jakkumpanjawha jimbuttawha 'l fuq fit-tlugħ tagħha fis-sema. Il-Madonna ta' Lourdes hi raffigurata b'idejha ma' xulxin bħal qed titlob u b'kuruna mdendla min-nofs dirgħajha tal-lemin skont id-deskrizzjoni li tat Bernadette Soubirous li ta' 14-il sena dehritilha l-Madonna fl-1858 f'dan il-post fi Franza. Differenti mill-Madonna ta' Fatima hi li din tal-aħħar tkun bil-kuruna tar-Rużarju mdendla minn idejha (flok minn dirgħajja). Għal Madonna tar-Rużarju, jagħmlu tajjeb San Duminku u Santa Katerina ta' Siena li normalment insibuhom inklużi

magħha: lil San Duminku għax jingħad li kienet dehritlu l-Madonna fl-1208 titolbu biex jgħid u jxerred it-talba tar-Rużarju fiż-żmien meta fl-Ewropa kienu qed jixterdu tagħlim differenti minn tal-knisja (l-ereżija tal-Albigensi fin-naħa t'isfel ta' Franza, flok l-użu tal-forza, hu uża dak tal-eżempju u tal-persważjoni), u lil Santa Katerina għax mas-seklu u nofs wara minn dehra ta' dan San Duminku li kellha jingħad li kienet ispirat ruħha biex tidħol fl-ordni tad-Dumnikani mwaqqfa mill-istess San Duminku, u anke jingħad li kellha l-istigmata, kienet tħossha maqgħuda fi ‘żwieġ mistiku’ ma’ Kristu u hi meqjusa Duttura tal-Knisja minħabba d-diversi kitbiet teoloġiċi tagħha.

Id-Duluri tkun b’sejf f’qalba, ġejja mill-kliem ‘*sejf kbir jinfidlek qalbek*’ li skont l-Evanġelju ta’ San Luqa Kap. 2 versi 34-38, meta hi u Ġużeppi kienu marru biex jippreżentaw lil binhom Ġesù fit-tempju f’għeluq l-40 jum tiegħu (il-festa tal-Gandlora t-2 ta’ Frar, appuntu 40 jum mill-Milied, ġejja mit-Taljan *Candelora* għax dakinhar isir it-tberik tax-xema’), kien qallhom ċertu Xmun meta ra lit-tarbija Ġesù, bl-Ispirtu s-Santu kien wegħdu li ma jmutx qabel ma jara l-Messija. Il-Madonna tal-Isperanza jiddistingwiha l-ankra li normalment ikun qed iżomm f’idu l-Bambin u f’każ minnhom f’dik li nsibu fl-għar tal-Isperanza l-ankra tidher taħt sieq il-Madonna. Peress li l-ankra hi kruċjali fil-qasam tan-navigazzjoni, minn dejjem kienet kunsidrata bħala simbolu ta’ tama u sussegwentament il-Madonna tal-Isperanza, tat-Tama, spiċċat rappreżentata biha. Jidher li b’dan it-titlu ta’ Madonna tal-Isperanza kien hemm Kappella fi kripta / għar taħt l-art biswit il-Kappella ta' San Katald fir-Rabat li tissemma' minn Dusina fl-1575 u tibqa' tissemma fil-viżti pastorali ta' wara minn Isqfijiet oħra fejn il-festa w it-titular tagħha kien iżda jfakkar it-twelid tal-Madonna, bl-aħħar darba li tissemma' tkun mas-seklu wara fil-viżta pastorali tal-Isqof Miguel Balaguer Camarasa tal-1656 meta kien ipprofonaha u ordna li jingħalaq l-aċċess għaliha (illum għandi nifhem tifforma parti mill-kumpless ta' kripta u katakombi li hemm taħt il-Kappella ta' San Katald), biex imbagħad mas-seklu ieħor wara bl-istess titlu faqqset il-Kappella tal-Isperanza fil-Mosta (li wkoll għandha għar assoċjat magħha, b'din l-imsemmija Kappella pprofonata taf seħlet kienet t'ispirazzjoni għall-isem / titlu) u bħal sirna mhux biss uniċi f’Malta imma addirittura sa ftit sekli ilu taf konna wkoll fid-dinja sakemm fis-17 ta’ Jannar 1871 kien hemm apparizzjoni tal-Madonna ġewwa Pontmain fi Franza li sussegwentament ġew approvati mill-Papa Piju IX u nzerta taħha t-

titlu ta’ Madonna tat-Tama (magħrufa wkoll bħala l-Madonna ta’ Pontmain, raffigurata liebsa libsa blu bl-istilel fuqha iżda mingħajr ankra). Biex inkunu għidna kollox, iż-żewġ lokalitajiet bl-akbar numru ta’ statwi u niċeċ f’Malta, Birkirkara u Ħal Qormi, għandhom il-Madonna tagħhom ukoll unika għal Malta u fid-dinja, dik tal-Ħerba u tal-Ħlas rispettivament, l-Mellieħa l-Madonna tal-Mellieħa, u ta' Pinu f'Għawdex, fost l-oħrajn.



L-ewwel tnejn juru riljevi tal-Madonna tal-Isperanza bil-Bambin iżomm l-ankra ta’ Triq il-Bażilika kantuniera ma’ Triq il-Pont u ta’ Triq l-Isperanza Nru. 114, b’din għandha minquxa wkoll anġli fil-kantunieri. It-tnejn l-oħra huma tad-Duluri ta Triq il-Pont Nru. 10 u Triq il-Kungress Ewkaristiku kantuniera ma’ Triq Gafa. Possibilment wegħdi ta' wara l-gwerra 'n partikolari dik id-Duluri fit-tarf lemin taf wara li l-binja fejn tinsab u niesa salvaw mill-qilla tal-gwerra meta ftit passi 'l bogħod kienet saret dik it-traġedja kbira tax-xelter ta' Triq Gafa fil-21 ta' Marzu 1942, u appuntu traġedja bħal din ta' min titfakkar b'riljev ta' Duluri.

## Popolarita u statistika

L-akbar konċentrazzjoni ta' statwi qedgħa fi Triq il-Kbira forsi għax kienet il-parti l-aktar kummerċali tar-raħal sakemm infetħet Triq il-Kostituzzjoni. L-eqdem datati nsibuhom it-tnejn fi Triq Santa Margerita, it-tnejn f’forma ta’ riljevi u t-tnejn tal-Ewkaristija, tas-seklu sbatax, u warajhom jiġu ta’ Triq Durumblat mal-ħajt ta’ barra li jdawwar it-Torri Cumbo taf it-tnejn tal-ewwel nofs tas-seklu 18.

Bħala titular l-aktar komuni nsibu:

- 15 tal-Immakulata Kunċizzjoni,
- 14 tal-Assunta u San Ġużepp,
- 9 tal-Madonna tal-Karmnu,
- 6 tal-Qalb ta' Ġesù u San Pawl,

- 5 tad-Duluri u Madonna ta’ Lourdes
- 4 tal-Isperanza, San Ġwann l-Evanġelista, San Pietru u Sant’Antnin ta’ Padova,
- 3 ta' San Tumas,
- 2 tal-Madonna tar-Rużarju, Ecce Homo, Kristu Salvatur, l-Ewkaristija, Ruħ, San Xmun u Sant’Andrija,
- 1 tal-Familja Mqaddsa, Fidi Ekkleżjali, Kurċifiss, Madonna bil-Bambin u San Ġwann il-Battista, Madonna taċ-Ċintura, Madonna tal-Bon Kunsill, Madonna tal-Grazzja, San Anġeliku Martri, Sant'Anton Abbati, San Bartilmew, San Bernard, San Filep, San Franġisk Saverju, San Ġakbu, San Ġakbu ż-Żgħir, San Ġuda Taddew, San Injazju, San Luqa, San Mattew, San Mikiel Arkanġlu, San Nikola, San Pawl Eremita (ma Sant'Anton u l-Battista), San Silvestru Papa, San Tarċisju, San Vinċenz de Paul, Santa Barbara u Santa Maria Goretti.

Bħala l-aktar statwa popolari f’raħal li għandu bħala patruna lill-Assunta wieħed kien jistenna li statwi f’ġieha jkun hawn aktar minn kwalunkwe qaddis ieħor li iżda mhux il-każ għax insibuha fit-tieni post b'14-il statwa daqs San Ġużepp, qaddis li sa ċirka ftit snin wara l-gwerra kellu r-rekord ta’ rġiel fil-Mosta msemmijin għaliħ bil-wisq aktar minn kull isem ieħor u jidher li bħal xi festi sekondarji oħra f'ċerti rħula kien beda jkun hemm anki naqra pika żejda hekk li fl-1906 il-festa ta' San Ġużepp kienet spiċċat tħassret minhabba diżgwid dwar il-preċedenza bejn iż-żewġ baned tal-Mosta.[7] Fl-ahhar fl-1935 taħt l-Isqof Mauro Caruana l-knisja kienet ħadet passi biex trażżan dawn il-festi sekondarji billi fosthom ordnat li ma jkunx hemm Translazzjoni tar-Relikwi lejliet il-festa, li l-parti viċin il-knisja biss tkun tista’ tiżżejjen, dan it-tiżjin u ta’ mal-istatwa jkun anqas sabiħ u jiswa flus minn tat-titular, u banda waħda biss iddoqq kemm f’lejlieta u f’nhara. Il-Kappillani kienu nsistew li dawn ir-regolamenti jiġu osservati u l-Pulizija bdew jirrifjutaw permessi għal tiżjin fit-toroq, marċi u logħob tan-nar jekk ma jkunux approvati mill-Kappillan. B’hekk numru ta’ festi sekondarji li kienu kibru fil-popolarita spiċċaw festi minuri. U minn dawn kien hemm San Ġużepp fil-Mosta.[8] Għalkemm il-Kunċizzjoni tiġi fl-ewwel post bi 15-il statwa, 7 biss huma propja tal-Kunċizzjoni bin-nofs qamar taħt saqajha, bl-oħrajn fil-maġġor parti huma tat-tip kummerċjali kopji identiċi ta’ xulxin f’daqsijiet differenti maħduma fuq ir-riljev tal-Madonna f'dik l-imsejħa *‘midalja mirakoluża.’* Sant'Antnin ta' Padova,

dak li fi tfuliti kienu jsibuh bħala “*Sant'Antnin isib il-hwejjeg mitlufin*” (mhux biss affarijiet materjali imma anki ghal min tilef il-fidi), għalkemm illum għoddu qaddis minsi minn kulħadd, fl-antik speċjalment fiż-żmien meta konna għadna bil-Knisja l-Qadima, kien popolari ferm fejn anki kellu artal fiha ddedikat għalih hekk kif tidħol fuq il-lemin b’pittura ma’ San Duminku li t-tnejn ghexu fl-istess żminijiet u kellhom suċċess jikkonvertu lura l-eretiċi.

Minn dawn l-istatwi, il-Madonna meta tkun bil-Bambin f'idha (fl-10 tal-Karmnu, fl-4 tal-Isperanza, 2 tar-Ružarju, Bon Kunsill, u oħra) dejjem insibuha bil-Bambin qiegħed fl-id ix-xellugija tagħha (ma nafx hux kumbinazzjoni jew ġejja minn xi tradizzjoni antika ta' kif ipenġu l-ikoni, imma jidher li l-iskop warajha hu biex tkun ‘fuq il-lemin’ ta’ Kristu, cioe l-Bambin binha li qed terfa’, tkun in-naħa tal-id il-leminija tiegħu, u jekk inkomplu nġebbduha naqra oħra, fuq ix-xellug ta’ Kristu, l-Iben, jiġi l-Missier Etern skont ma ngħidu fil-Kredu: “u tela’ s-sema u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier...” - fil-fatt fl-apside tal-Kor, Cali ħa ħsieb ipenġi lill-Missier fuq ix-xellug ta’ l-Iben jistenna b’kuruna f’idu ‘l Ommu l-Assunta fit-titular tielgħa s-sema), lil San Ġużepp insibuħ nofs b'nofs daqskemm bil-Bambin f’idu x-xellugija hemm 7 oħra f'idu l-oħra, l-istess nofs b'nofs insibu lil Sant’Antnin ta’ Padova u l-Bambin li qed jerfa', lil San Pawl fi 3 insibuħ bil-leminija jżomm xabla u f’2 każi maħdum fuq San Pawl tal-Belt ta’ Gafa b'idu l-leminija mgħollija u bl-oħra jżomm l-Evanġelju (peress li t-titular San Pawl tar-Rabat hu maħdum fuq dan tal-Belt, dawn it-2 taf kienu ta' nies Rabtin li żżewġu jew ġew joqgħodu r-raħal). Bħala sess insibuhom għoddhom nofs b'nofs b'67 maskili u 62 feminili li minnhom ma nkludejtx dak tal-Familja Mqaddsa, it-2 tal-Ewkaristija u l-Kurċifiss ta’ Triq Durumblat Nru. 3, waqt li l-Bambin li nsibuħ mal-Madonna tal-Karmnu / Ružarju/ Ċintura / Bon Kunsill, ma’ San Ġużepp u ma’ Sant’Antnin ta’ Padova ma kkunsidrajtux lanqas.

### Statwi bl-indulġenzi

L-oriġini tal-indulġenzi jmorru lura għall-bidu tal-Kristjaneżmu meta l-penitenza / piena li wieħed kellu jagħmel biex ipatti għall-għemilu / dnubietu ġieli kienu jkunu hekk iebsin li bdiet tinħass il-ħtieġa ta’ metodu kif jittaffew xi ftit. Fil-11-il seklu l-Papiet u l-Isqfijiet bdew jaħfru parti mill-piena jekk wieħed iżur xi monasteru jew jagħti xi għotja ta’ karita lill-fqar. Fl-1300 Papa Bonifaċju

VIII ta l-indulġenza lil dawk li jżuru l-Bażiliki Papali f'Ruma, u għal ħwejjeġ kunsidrati żgħar, ta tnaqqis kwantifikat fi snin jew jiem li wieħed kellu jgħaddi anqas fil-Purgatorju. Meta fis-seklu 14 l-indulġenzi kienu ormaj saru komuni ħafna, kienet introdotta l-possiblita li takkwistahom jekk tagħmel offerta ta' flus lill-knisja *(oblatio)* bħal xi donazzjoni biex tinbena knisja jew monasteru jew għal xi opra tal-arti fil-knisja. Iżda spiċċaw daħlu l-abbużi w il-penitent ġieli spiċċa kellu jħallas darbtejn, waħda biex jakkwista t-tali ndulġenza u jerġa' jħallas skont ma titlob l-indulġenza li jkun akkwista bħal tant flus għall-bini ta' xi kunvent. Xi nies b'qerq bdew jagħmluha taparsi qed jiġbru l-flus għal dawn il-penitenti waqt li kien hemm każi fejn il-knisja bdiet iddaħħal somom kbar ta' flus u kollox spiċċa hekk kummerċjalizzat li kienet waħda mir-raġunijiet li wasslet għall-qasma fil-knisja bil-Protestantiżmu minn Martin Luther li sejħila "x-xiri u l-bejgħ tas-Salvazzjoni" – fil-fatt il-Protestantiżmu hu kkunsidrat li beda fil-31 t'Ottubru 1517 f'Wittenberg, il-Ġermanja, meta dak li kien patri u professur tat-Teoloġija fl-Universita ta' din il-belt, Martin Luther, ippublika dokument b'95 punt li semmiegħ appuntu *Disputatio pro declaratione virtutis indulgentiarum (Disputation on on the Power of Indulgences)*.[9] Il-Konċilju ta' Trento (1545-1563) ħa miżuri biex jaqta' dawn l-abbużi u fis-16 ta' Lulju 1562 ipprojbixxa l-użu tal-flus u kull intenzjonijiet ħżiena biex wieħed jakkwista l-indulġenzi, u għamel li dawn jingħataw skont id-deskrizzjoni tal-Isqof tat-tali djoċesi u l-membri tal-Kapitlu, u għamel il-ħtieġa li l-penitent ried qabel xejn ikun nidem tassew minn ħtijietu.

Mil fost il ħafna statwi li nsibu fil-Mosta, 27 minnhom, jew 29 jekk ngħoddu statwi b'assoċjazzjoni Mostija, l-Assunta ta' Triq Buqana limiti tar-Rabat u l-Assunta ta' Triq Sir Temi Żammit (it-triq li tieħdok l-Imġarr) limiti ta' San Pawl il-Baħar, għandhom l-indulġenzi assoċjati magħhom. Minn total ta' 134 statwa dawn jammontaw għal 21.64%, qisu għal kull 5 statwi/riljevi, waħda minnhom se ssibha bl-indulġenzi. Skont kif kienu jifhmuha (u naħseb li sa ċertu punt il-knisja għadha timxi fuq l-istess twemmin), darba tmut, il-Ħallieq kien jagħmillek il-kont ta' kollox u skont id-dnubiet li tkun għamilt fuq din l-art u li ma tkunx ilhaqt ħallast għalihom sakemm kont għadek ħaj (permezz tal-qrar u l-assoluzzjoni li tintalab tagħmel, bil-griżma tal-morda, eċċ.), kien itik tant jiem li ridt tgħaddi l-Purgatorju sakemm sa fl-aħħar tiġi aċċettat il-ġenna. Dawn l-istatwi bl-indulġenzi kienu jiffrankawlek propju minn dawn il-jiem li

kieku kien ikollok tgħaddi fil-Purgatorju wara mewtek. Stajt tgħid it-talba kemm għalik personali jew b'suffraġju għal xi ħadd mejjet. Jekk wieħed ikun mar l-infern, m'hemmx x'tagħmel għax dawn l-indulġenzi ma japplikawx. Indulġenzi nsibu li kienu ngħataw ukoll lil dawk li ħadmu fil-Ħdud u l-festi b'xejn fil-bini tar-Rotunda waqt li l-Isqof Vincenzo Labini fil-viżta pastorali tat-22 ta' Mejju 1783 ġewwa l-Mosta kien ta 40 jum indulġenza[10] (u l-istess għamel fi rħula oħra, nassumi fl-okkażjoni tal-1750 anniversarju mill-passjoni ta' Kristu fit-33A.D.) lil kull min jgħid 5 Missierna, Sliema u Glorja mad-daqq tal-qniepen siegħa wara li tkun niżlet ix-xemx bħal nhar ta' Ħamis (kienu jsibuha bħala "Tal-Ħamis") b'tifkira tat-twaqqif tas-sagrament tal-Ewkaristija (minn Kristu f'Ħamis ix-Xirka), u ħtieġlu jgħid 5 oħra l-istess mad-daqq tal-qniepen bħal nhar ta' Ġimgħa fit-3 ta' wara nofsinhar (uħud kienu jsibuha bħala l-"Mortorju") b'tifkira tal-Passjoni ta' Kristu.

Minn dawn id-29 statwa, 6 huma tal-Assunta (minn 14 tal-Assunta), 5 huma tal-Madonna tal-Karmnu (minn 9 tal-Karmnu), u 5 ta' San Ġużepp (minn 14 Ġużeppini) li flimkien dawn it-3 titulari jammontaw għal 55.2%, aktar min-nofs, tal-istatwi bl-indulġenzi fil-Mosta (l-oħrajn bl-indulġenzi nsibuhom taħt titli oħra, ċioe Kristu Salvatur [2], Qalb ta' Ġesù [2], Duluri [3], Madonna tal-Isperanza [2], Madonna tar-Ruzarju [1], Kunċizzjoni [1], San Pawl [1], San Anġeliku Martri [1]). Il-jiem tal-indulġenzi jvarjaw minn 40 jum (18-il waħda jew 62.1%), 100 jum (x8) u l-aktar 300 jum (x3), kważi sena neqsin xahrejn. L-eqdem (dawk qabel ċirka 1904) għandhom 40 jum, u aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-perjodu beda jiżdied, fosthom kien l-istess Isqof Pietru Pace (1889-1914) li beda bl-40 jum indulġenza (taf kienet ilha ġejja minn Papa Innoċenzju III li fl-1215 kien għamel limitu ta' 100 jum indulġenza f'każ ta' konsagrazzjoni ta' knisja u ta' 40 jum għall-każijiet oħra) u spiċċa jagħti 100 jum (Papa Piju X fit-28 t'Awissu 1903 kien ta s-seta' lill-Kardinali li jagħtu 200 jum indulġenza, lill-Arċisqfijiet 100 jum u lill-Isqfijiet 50 jum) kif komplew ta' warajħ, u x'aktarx dawk ta' 300 jum huma ta' wara l-gwerra ta' żmien Mikiel Gonzi li fi żmienu fl-1 ta' Jannar tal-1944 l-Isqof ta' Malta ġie promoss għall-Arċisqof (mill-1797 l-Isqof ta' Malta kien sempliċiment Arċisqof Titulari ta' Rodi apparti Isqof ta' Malta) u bilfors ta' qabel l-annu 1967 (meta saret riforma wara l-Konċilju Vatikan II) jew 1960 jekk nissopponu li wħud minnhom huma riljevi taf xogħol l-iskultur Fabrizio Bartolo (Bizzju) li miet f'dik is-sena ta' 72 sena.

Fuq id-digriet tal-indulġenzi tal-Assunta ta' Pjazza Britannja li nħareġ fl-1801 ma nafx hemmx xi konnessjoni imma f'dik is-sena l-festa seħlet ġiet is-Sibt u d-digriet inħareġ f'għeluq it-tmint'ijiem il-Ħadd it-23 t'Awissu, l-għada li fiha l-knisja tiċċelebra l-festa ta' Marija Reġina (ġimgħa fuq Santa Marija / l-Assunta, fi żmienna jew taf minn dejjem tiddaħħal Santa Marija lura fin-niċċa), li jagħmlu l-uniku digriet minn dawk datati bil-ġurnata u x-xahar b'kollox fil-Mosta, u taf f'Malta, li nħareġ f'ġurnata ta' btala tal-Ħadd, l-oħrajn kollha nħarġu fost il-ġimgħa bl-eċċezjoni ta' wieħed li nħareġ is-Sibt, ġurnata xogħol normali fl-antik. Inzerta li fil-15 ta' Lulju 1801 (lejliet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu) kien iffirmat il-Concordat bejn Papa Piju VII u Napuljun bħala rikonċiljazzjoni bejn ir-rivoluzzjonarji u l-Kattoliċi u li bih il-knisja Kattolika fi Franza reġgħet kisbet parti kbira mill-istatus ċivili li kienet tgawdi qabel ir-rivoluzzjoni fejn jista' jkun li minħabba d-data tal-15 u għax seħel ħabat xahar eżatt qabel il-festa, ġie nterpretat bħala frott l-interċessjoni u l-kobor tal-Assunta. Ta' min isemmi wkoll li propju madwar sena qabel, fil-5 ta' Settembru 1800, il-Franċizi, li fosthom serqu kemm felħu ġid tal-Ordni u knejjes, kienu ċedew Malta, li jaħbat 3 ijiem qabel il-festa ta' twelidha, il-Vitorja. Il-Madonna kienet diġa assoċjata mat-tmiem tal-Assedju mit-Torok tal-1565, forsi ma' dan il-ħelsien mill-Franċizi fl-1800 (u sussegwentament ukoll mal-Konvoj ta' Santa Marija fl-1942), u forsi ma' l-imsemmi Concordat fl-1801, u allura ta' minn l-Isqof jagħmel eċċezzjoni quddiem din il-benevolenza. Taf ukoll it-traġedja hekk kbira li kien għadu kif għadda minnha raħalna bl-iffuċillazjoni ta' dawk is-16-il Mosti (aktar minn terz minn fost 43 Malti fosthom Dun Mikiel Xerri) mill-Franċiżi fis-17-Jan-1799, messet il-qlub ta' kulħadd fosthom tal-Isqof Labini nnifsu, hekk li darba inħlisna minnhom, ħass li kellu jagħmel eċċezzjoni joħroġ id-digriet propju fil-ġurnata tal-Ħadd qisu biex juri r-rikonoxximent u l-apprezzament tiegħu għal raħal f'luttu jibki l-ġest u s-sagrifiċċju hekk nobbli tal-imsejkna vittmi tiegħu u l-familji li ħallew warajhom. Forsi kurżita u forsi mhix, f'għeluq it-**72** anniversarju tal-qtil tal-Mostin u l-Maltin mill-Franċiżi, fis-17-Jan-1871 kienet dehret il-Madonna fl-imsemmi qabel rħajjel ta' Pontmain fi Franza fi żmien ta' gwerra bejn Franza u l-Prussia, imlaqqma l-'Madonna tat-Tama' (bħal m'għandna fil-Mosta l-'Madonna tal-Isperanza / tat-Tama'), u **72** sena nieqsa wieħed wara kellha taħbat is-sena 1942, sena oħra ta' gwerra u s-sena tal-miraklu tal-bomba fil-Mosta.



Kellhom habta jagħtu ndulġenzi għal mejtin, f'tax-xellug għal ruħ il-qassis Mosti Dun Wistin Azzopardi li miet fil-11-Apr-1922. F'dan il-kaz tgħid it-talba flimkien ma' Sliema u Qaddisa għal 7 darbiet, kont tirbah 300 jum indulġenza. 20 sena wara, santa tal-mejtin tal-Arċipriet Dun Girgor Borg li miet fit-2-Jun-1942, forsi għax kien Arċipriet, kienet trebbħek 7 snin indulġenzi jekk tgħid it-talba għalih.

Peress li maż-żmien il-jiem tal-indulġenzi li jingħataw bdew jiżdiedu, dawk ta' statwi qodma u b'anqas jiem flok żiedu fid-devozzjoni għax eqdem ġew ironikament bil-kontra skaduti u forsi vallapena ma tgħid xejn quddiemhom mill-ewwel u lok ukoll biex titlob anqas għax talba waħda f'xahar quddiem dawk riċenti kienet tiswiek daqs jew aktar talba fil-ġimgħa quddiem dawk qodma. Għalkemm l-intenzjoni wara ż-żieda fil-jiem ta' indulġenzi taf kienet biex suppost isalvaw aktar erwieh, spiċċaw saru ndulġenzi tal-preferenzi għax eżempju fosthom il-Ġirbin għal San Lawrenz li għandhom fil-pjazza, lura fis-16 ta' Lulju 1880, kienu kisbulu 200 jum indulġenza (5 darbiet aktar min-norma ta' dak iż-żmien, 40 jum) għax tahilhom dirett il-Papa Ljun XIII waqt li fil-Mosta għax forsi kienet Arċipretali, diversi snin wara Gonzi kien jagħti 300 jum indulġenza komparat ma' rħula oħra bħal H'Attard u l-Imqabba li kien jlaqtu biss 200 jum għax taf kienu bil-Kappillan. Meta fl-1864 Għawdex sar djoċesi għaliħ b'Isqof tiegħu, l-indulġenzi li dan beda jagħti kienu biss ta' 50 jum komparat ma' 100 jum li kienu jagħtu l-Isqfijiet ta' Malta (għax taf kellu l-grad ta' Arċisqof Titulari ta' Rodi) fl-istess żminijiet, u allura tiġi li wieħed Għawdxi kien diskriminat għax aktar kellu ċans li jdum imwaħħal il-Purgatorju minn wieħed Malti, u għal kull dagħwa li wieħed Għawdxi kienet taħrablu, il-Malti setgħu jaħarbulu tnejn. Dawn l-anomaliji ġew indirizzati fil-Konċilju Vatikan it-Tieni fejn fuq suġġerimenti li ħarġu minnu, fl-1 ta' Jannar 1967 Papa Pawlu VI ħareġ l-"*Indulgentiarum Doctrina* " li rrevedit il-metodi li bih jingħataw l-indulġenzi fejn spiċċaw dawk kwantifikati f'jiem jew snin li wieħed kien jiskonta mill-purgatorju u tħallew biss dawk l-indulġenzi ta' tip parzjali

(jeħilsulek parti mill-piena tad-dnub / dnubiet) u plenarji (jeħilsulek il-piena kollha), eżempju fl-2023 kull minn żar presepju fi Knisja Franġiskana akkwista indulġenza plenarja f'għeluq it-800 sena mill-ewwel presepju minn San Franġisk t'Assisi.

Għal statwi maskili (ez. San Ġużepp, Kristu Salvatur) normalment ħtieġlek tgħid xi talba bħal Missierna jew xi Kredu, waqt li għal statwi femminili (ez. l-Madonna tal-Karmnu, id-Duluri) ħtieġlek tgħid xi Sliema jew Salve Regina. Għall-qodma ħtieġlek tgħid talb tradizzjonali (ez. il-Missierna, Sliema, Glorja, Salve Regina, Kredu) waqt li għal dawk riċenti ta' żmien jew wara l-gwerra ħtieġlek tgħid, kif fhimta jien, it-talba ta' ftit kelmiet li kien ikun hemm imniżżla mal-lapida (eż. "Sidtna Marija Addolorata itlob għalina," "San Gusepp habib tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù itlob għalina," eċċ.).

Xi lapidi tal-indulġenza ntilfu maż-żmien f'xi każi bin-niċeċ / statwa b'kollox u f'oħrajn huma kważi ndeċifrabbli għax il-ġebla f'xi partijiet laħqet tmermret, iżda tqabbel minn hawn u minn hemm sibt bejn wieħed u ieħor x'kienet l-iskrizzjoni ta' San Anġeliku Martri ta' Triq il-Bażilika u x'setgħet kienet tad-Duluri ta' Triq il-Mitħna, imma fil-każ tal-Marija Assunta ta' Triq il-Kbira fil-misraħ ta' quddiem is-City ma rnexxilix naqbad art għax il-ġebla laħqet ittieklet sew. Din seħlet kienet waħda mill-ftit, 3 b'kollox, li nzertat kienet miktuba bil-Latin (l-oħrajn huma ta' statwi ferm akbar u fuq pedestal, dawk tal-Assunta ta' Pjazza Britannja u ta' San Ġużepp ta' Triq il-Bażilika) għax fil-maġġor parti, f'21 każ, huma bit-Taljan, u mill-5 li huma bil-Malti, l-eqdem minnhom hi datata 23 t' Ġunju 1914 (eżatt 5 ġimgħat / 35 jum, qabel faqqgħet l-ewwel gwerra dinjija fit-28 ta' Lulju) bl-alfabett għadu dak Taljan fl-għar tal-Isperanza ta' statwa li ntilfet sakemm mhix il-Madonna tal-Isperanza li tpoġġiet fil-faċċata tal-istess Kappella. Għalkemm xi ġurnali / rivisti bil-Malti kienu ilhom li bdew joħorġu lejn nofs is-seklu 19, il-Malti kien għadu qed jipprova jieħu postu hekk li warajha ġew sensiela t'4 oħra għal darb'oħra bit-Taljan fosthom waħda fl-istess għar tal-Isperanza tal-1927, 13-il sena wara. Forsi wieħed jipotizza setgħax kien l-iskular Mosti E.B. Vella l-moħħ warajha li fl-1914 tiġi li kien għadu tfajjel ta' xi 15-il sena. Ukoll din taf kienet waħda minn tal-aħħar jekk mhux l-aħħar digriet t'indulġenza li ħareġ l-Isqof Pietru Pace għax seħel miet fid-29 ta' Lulju, ġurnata wara li bdiet l-imsemmija gwerra,

ġurnata li għall-Mostin tfisser il-ħruġ tal-vara min-niċċa u l-bidu tal-kwindiċina, seħlet ukoll ħabtet sena, 3 xhur u 3 ijiem mindu kien ikkonċelebra it-tmiem tal-attivitajiet fil-Mosta tal-Kungress Ewkaristiku fis-26 t'April 1913.

L-Isqfijiet Vincenzo Labini u Gaetano Pace Forno nsibuhom bl-inizjali ta' Fra quddiem isimhom għax kienu membri ta' ordni reliġjuz, ċioe Teatin *(Theatines or the Congregation of Clerics Regular of the Divine Providence)* u Agostinjan rispettivament, waqt li Mauro Caruana nsibuħ bl-ittri O.S.B *(Ordo Sancti Benedicti)* wara ismu għax kien Benedittin, u l-oħrajn normalment kellhom l-inizjali ta' Monsinjur. Apparti dan fil-maġġor parti nsibuhom ukoll indirizzati bit-titlu ta' *Sua Eccellenza Reverendissima* u għall-Marija Assunta ta' Triq il-Bażilika Nru. 171, l-Isqof Pietru Pace kif semmejna nsibuħ imniżżel b'tant pompa b'xebgħa ittri wara ismu, ċioe D.D.K.C.V.O. - *D(octor) D(ivinitatis) K(night) C(ommander of the Royal) V(ictorian) O(rder)*. Fit-3 ta' Marzu 1797 fi żmien Labini, il-knisja Katedrali ta' Malta ġiet elevata għad-dinjita ta' Arċiepiskopali għax l-Isqof ta' Malta sar ukoll Arċisqof Titulari ta' Rodi hekk li għall-Assunta ta' Buqana fl-1792 insibu lill-Isqof Labini mniżżel bħala *Vescovo* u l-istess Labini għall-Assunta ta' Pjazza Britannja fl-1801 insibuħ (bil-Latin) bħala *Archiep(us) Epus* kif komplew jirreferu għall-Isqfijiet ta' warajħ (bit-Taljan) bħala *Arcivescovo Vescovo*. L-Isqof ta' Malta sar propjament Arċisqof fl-1 ta’ Jannar tal-1944 meta d-Djoċesi ta’ Malta ġiet elevata għal Arċidjoċesi ftit wara li laħaq Mons. Mikiel Gonzi. Statwi jew propjament riljevi ta' ftit qabel jew wara t-Tieni Gwerra Dinjija (ta' żmien Gonzi jew forsi ta' l-aħħar żminijiet ta' Mons. Mauro Caruana ta' qablu) ma nsibulhomx imniżżel la isem l-Isqof li ta d-digriet tal-indulġenzi u wisq anqas id-data tiegħu imma sempliċiment it-talba li ridt tgħid u l-jiem tal-indulġenzi li takkwista. It-tabella t'hawn taħt fiha n-numri ta' digrieti t'indulġenzi li ħarġu fil-Mosta t-tali Isqfijiet sa taf ċirka l-1967. Il-kolonna bin-numru ta' digrieti fis-sena minn tali Isqof wieħed jistenna li kellha tiżdied ftit ftit aktar ma bdiet tikber il-popolazzjoni fil-Mosta, forsi tbatti ftit fis-27 sena (1833-1860) li l-Mostin kienu magħsurin kull sold żejjed jonfquħ għall-bini tal-knisja, u terġa tirpilja bil-kummerċ li gabu l-Inglizi 'n partikolari minn wara l-ftuħ tal-kanal ta’ Suez fl-1869 fejn taf kienet tilħaq il-quċċata fl-aħħar tas-seklu 19 bidu tas-seklu 20, u naħseb li dan mhux il-każ indikazzjoni ta' kemm tlifna niċeċ matul iż-żminijiet, tort tal-elementi, tal-

gwerra, tal-iżvilupp bla rażan u tan-nuqqas t'apprezzament lejhom u donnu ma nitgħallmu qatt għax il-lista dejjem tonqos.

| Isqof | Perjodu | Digrieti | Digrieti fis-sena |
|---|---|---|---|
| Vincenz Labini | 1780-1807 | 2 | 0.074 |
| Franġisk Saverju Caruana | 1831-1847 | 1 | 0.063 |
| Publio Maria Sant | 1847-1857 | 1 | 0.100 |
| Gejtano Pace Forno | 1857-1874 | 6 | 0.353 |
| Carmelo Scicluna | 1875-1888 | 2 | 0.154 |
| Pietru Pace | 1889-1914 | 8 | 0.320 |
| Mauro Caruana | 1915-1943 | 5 | 0.179 |
| Mikiel Gonzi | 1944-1967 | 3 | 0.130 |

Jidher li l-Kurja ma kinietx izżomm rendikont bil-miktub ta' dawn id-digrieti tal-indulġenzi li kienu joħorġu l-Isqfijiet, fejn itik x'tifhem li donnu kienet kunsidrata xi ħaġa hekk minuri u bla mportanza li wieħed kien sempliċiment jagħmel it-talba lill-Isqof u dan min-naħa tiegħu kien itih l-approvazzjoni bil-fomm u xejn aktar. B'hekk nistgħu ngħidu li għandna parti mill-istorja mitlufa u ma nistgħux ngħidu min kien għamel it-talba u kemm statwi oħra kienu jeżistu li wkoll kellhom l-indulġenzi u taf tlifnihom maż-żmien. Fit-tabella t'hawn taħt, l-istatwi bl-indulġenzi qedgħin f'ordni skont il-jiem tal-indulġenzi li kont takkwista u skont it-titular.




Uħud mill-lapidi tal-indulġenzi li nsibu ma’ statwi fil-Mosta fejn fuq jidhru tal-Madonna tal-Karmnu ta’ Triq Dun Mikiel Xerri Nru. 9, tal-Kunċizzjoni ta’ Triq Britannja Nru. 15 u tal-Madonna tal-Karmnu ta’ Triq Speranza Nru. 33, u taħt jidhru ta’ Marija Assunta ta’ Triq il-Kurat Calleja Nru. 28, ta’ Marija Assunta ta’ Triq il-Kbira Nru. 219 u ta’ Kristu Salvatur ta’ Triq il-Kbira kantuniera ma’ Triq il-Ġnejna. Kif rajna, minn sempliċi lapida, taf tohrog tant storja u kurzitajiet fuq it-tali niċċa.

| **Statwa** | **Data** | **Isqof** | **Jiem** | **Talba** | **Skrizzjoni** |
|---|---|---|---|---|---|
| Duluri fi Triq il-Mitħna, Nru. 91. | 1847-1857 | Mons. Publiju Maria Sant | 40 | Salve Regina | Don. P(ublio) M(aria) Sant concede Indulg(enza) di giorni 40 quando recitando una Salve Regina Arcives(c)ovo *(jew forsi taf id-data ...1850?)* |
| Immakulata Kunċizzjoni, fi Triq Britannja, Nru. 15 | It-Tn 11 ta' Novembru 1861 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Salve Regina | Si concede l'Indulgenza di G(ior)ni 40 a chi recitasse una Salve R(egina) per decreto di Mons. Vesc(ovo) Fr. G(aetano) Pace Forno 11 Nov(embre) 1861 |
| Kristu Salvatur fi Triq it-Torri, Nru. 108. | It-Tn 18 ta' Diċembru 1865 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Kredu | Sua Ecc(ellenza) Rev(everndissima) Mons. Fra Gaetano Pace Forno Arciv(escovo) Vesc(escovo) di Malta concede l'Indulg(enza) di Gior(ni) 40 a chiunque recitera innanzi quest'immagine un credo per decreto del di 18 Dec(embre) 1865 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Kristu Salvatur fi Triq il-Kbira kantuniera ma’ Triq il-Ġnejna. | L-Er 1 ta’ April 1885 | Mons. Carmelo Scicluna | 40 | Kredu | Mons. Carmelo Scicluna concesse l'Indulgenza di Giorni 40 a chi devotamente recita un credo innanzi a questa statua del redentore il di 1 Aprile 1885 |
| Madonna tal-Karmnu fi Triq Dun Mikiel Xerri, Nru. 9. | It-Tn 2 ta' Diċembru 1901 | Mons. Pietru Pace | 40 | Sliema | Sua Eccellenza Rev.ma Monsignor Pietro Pace Arciv(escovo) Vescovo concede 40 giorni d Indulgenza a chi recita un Ave Maria innanzi a questa immagine dato li di 2 Dicembre 1901 |
| Madonna tal-Karmnu fi Triq it-Torri kantuniera ma’ Triq Ċejlu Tonna. | 1889-q.1904<br><br>(prob. ċ. 1901) | Mons. Pietru Pace | 40 | Sliema | Sua Ecc(ellenza) Rev(erendissi)ma Mons. Pietro Pace Arciv(escovo) Vesc(ovo) di Malta concede l'Indulgenza di giorni 40 a ciunque recitera innanzi a questa immagine un'Ave Maria |
| Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Kbira kantuniera ma’ Triq l-Isperanza. | 1884 | Mons. Carmelo Scicluna | 40 | Ave Maria | Mons. Carmelo S(c)icluna la 1884 concesse indulgenza di g(i)orni 40 a chi recitale un Ave Maria davanti questa statua del Beata Maria devotamente |
| Madonna tal-Karmnu fi Triq il-Bażilika, Nru. 181. | Il-Hm 9 t'Ottubru 1862 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Salve Regina | S(ua) E(ccellenza) R(everendissi)ma Monsignor Fr. Gaietano Pace Forno Arcivescovo di Rodi Vescovo di Malta con rescritto de 9 Ottobre 1862 concede 40 giorni d'Indulgenza a chi devotamente recita un Salve Regina innanzi questa immagine della S(anti)s(si)ma. Vergine del Monte Carmelo |
| Madonna tar-Rużzrju fi Triq Speranza, Nru. 33. | Il-Ġi 28 ta' Settembru 1866 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Sliema | Indulgenza di giorni 40 a chi recita una Ave Maria per dec(reto) di Mons. Ves(covo) Fr. G. Pace Forno 28 Settembre 1866 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Marija Assunta fi Triq Buqana limiti tar-Rabat. | It-Tn 2 ta' Jannar 1792 | Fr. Vincenz Labini | 40 | Sliema | M(ons.) Vescovo Labini concede giorni 40 d'Indulgenza a chi recitera una Ave Maria d(a)vanti questa S(ancta) Imaggine del Assumptione li 2 Gennaio 1792. |
| Marija Assunta fi Pjazza Britannja. | Il-Ħd 23 ta' Awissu 1801 | Fr. Vincenz Labini | 40 | Sliema | Fr. Vincentius Labini Archiep(us) Epus Melitae recitantibus Ave (Maria) XL dies devera indulgentia concessit die XXIII Aug. An MDCCCI |
| Marija Assunta fi Triq Kurat Calleja, Nru. 28. | L-Er 7 ta' Marzu 1838 | Mons. Franġisku Saverju Caruana | 40 | Salve Regina | D(eus) O(ptimus) M(aximus). Si concede a chi recita devo(tamente) innanzi questa effi(gie) sotto titolo di Assunzio(ne) di Maria Vergine una Salve Regina aqui(s)tera 40 giorni di indu(lgen)za per decreto delli 7 Marzo 1838 di S(ua) E(ccellenza) R(everendissia) F(rancisco) Xave(ri) Carua(na) Arc(ivescovo) di Mal(ta) |
| Marija Assunta fi Triq il-Kbira, Nru. 219. | ? | ? | 40 | Salve Regina | Recitantibus devot. Salve Regina Indulgentia 40 Dies ... |
| San Anġeliku Martri fi Triq il-Bażilika, Nru. 132. | 4 ta' Ġunju (1889-q.1904) | Mons. Pietru Pace | 40 | Missierna, Sliema u Gloria | Sua Ecc(ellenza) Rev(erendissima) Mons. Arciv(escovo) Vesc(ovo) P(ietro) Pace per decreto del 4 Giugno 1--- concede indulgenza di giorni 40 per loro che devotamente recitero Pater, Ave e Gloria innanzi a questa immagine di S(an) Angelico |
| San Ġużepp fi Triq il-Ġilju, Nru. 59. | Is-Si 3 ta' Settembru 1892 | Mons. Pietru Pace | 40 | Missierna, Sliema u Glorja | S(ua) E(ccellenza) R(everendissima) Mons. Pietro Pace Arciv(escovo) Vescovo di Mal(ta) in data 3 Settembre 1892 accorda l Indulgenza di giorni 40 a chiunque recitasse un Pater, Ave, Gloria innanzi questa sante immagine del |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | G(loriosissimo) P(atriarca) S(an) Gioseppe |
| San Ġużepp fi Triq il-Bażilika. | It-Tl 10 ta' Settembru 1889 | Mons. Pietru Pace | 40 | Missierna, Sliema u Glorja | Petru Pace Archiepus et Epus Melitae Pater Ave et Gloria recitantibus XL Dierum Indulgentiam concessit die X Sept. MDCCCLXXXIX |
| San Ġużepp f'San Ġużepp tat-Tarġa. | Awissu 1873 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Missierna u Sliema | Pater et Ave Indulgenza di giorni 40 Agosto 1873 |
| San Pawl fi Triq Britannja, Nru. 6. | It-Tn 11 ta' Novembru 1861 | Fr. Gejtanu Pace Forno | 40 | Missierna | Indulgenza di G(ior)ni 40 a chi recitasse un Pater per dec(reto) di Mons. Vesc(ovo) Fr. G. Pace Forno 11 Nov 1861 |
| (Madonna fl-għar tal-Isperanza li ntilfet) | It-Tl 23 ta' Ġunju 1914 | Mons. Pietru Pace | 100 | Salve Regina | L'Iskof P. Pace b Degriet tat-23 ta Giuniu 1914 jati 100 Giurnata Indulgenza lil cull min ighid bid devozjoni Salve Regina kuddiem din li statua |
| Madonna tal-Isperanza fl-għar taħt il-Kappella tal-Isperanza. | Il-Ġi 8 ta' Lulju 1927 | Mons. Dom. Mauro Caruana | 100 | Missierna, Sliema u Glorja | Mons. Arciv(escovo) Ves(covo) D(om) Mauro Caruana O(rdine) S(an) B(enedetto) per Decreto del di 8 Luglio 1927 concede 100 giorni d'Indulgenza a chi recitasse Pater, Ave, Gloria innanzi a questa Immagine |
| Madonna tal-Karmnu fi Triq Ġużeppi Callus, Nru. 106. | It-Tn 24 ta' Lulju 1922 | Mons. Dom. Mauro Caruana | 100 | Salve Regina | S(ua) E(ccellenza) Rev(erendissi)ma Mons. Dom Mauro Caruana O(ridine) S(an) B(enedetto) concede l Indulgenza di 100 giorni a chiunque recitasse devotamente Salve Regina davanti a questa devota imagine per decreto del 24 Luglio 1922 |
| Marija Assunta fi Triq il-Bażilika, Nru. 171. | Il-Hm 16 ta' Jannar 1913 | Mons. Pietru Pace | 100 | Salve Regina | Con decreto del 16 Gennajo 1913 Sva Ecc(e)l(len)za Rev(eren)d(i)s(si)ma Mons. Pietro Pace D(octor) D(ivinitati0s) K(night) C(ommander of the Royal) V(ictorian) O(rder) Arciv(escovo) di Rodi Vescovo di Malta accorda |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | l'Ind(ulgenza) di 100 giorni a tvtti coloro che devotamente recitassero vna Salve Regina davanti a Qvesta S(ancta) Immagine |
| Marija Assunta fi Triq Sir Temi Żammit, Nru. 39. | It-Tl. 10 ta' Diċembru 1930 | Mons. Mauro Caruana | 100 | Salve Regina | Mons. M(auro) Caruana Arciv(escovo) per Degreto del 10 Dic(embre) 1930 concede 100 giorni d'Indulg(enza) a chi devotamente recitasse una Salve Regina innanzi a questa immagine |
| Qalb ta' Ġesù fi Triq Speranza, Nru. 196. | It-Tn 31 ta' Lulju 1916 | Mons. Mauro Caruana | 100 | Kredu | Sua Ecc(ellenza) Rev(erendissi)ma Dom Mauro Caruana O(rdine) S(an) B(enedetto) con decreto del 31 Luglio 1916 concesse 100 giorni d'indulgenza a tutti coloro che devotamente recitassero un Credo davanti a questa devota immagine |
| San Ġużepp fi Triq il-Kungress Ewkaristiku kantuniera ma' Triq Gafa. | It-Tn 27 ta' Lulju 1908 | Mons. Pietru Pace | 100 | Missierna, Sliema u Glorja | Sua Ecc(ellenza) Rev(erendissima) Mons. Arciv Pietro Pace con decr(eto) del 27 Luglio 1908 concesse 100 giorni d'Indulgenza a tutti coloro che devotamente recitassero Pater, Ave, Gloria davanti a questa immagine |
| San Ġużepp fi Triq il-Kbira, Nru. 101. | | (Mons. Mauro Caruana) | 100 | (tgħid it-talba li hemm fl-iskrizzjoni) | San Gusepp habib tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù itlob ghalina Ind(ulgenza) ta 100 jum |
| Duluri fi Triq il-Kungress Ewkaristiku kantuniera ma' Triq Gafa. | | (Mons. Mikiel Gonzi) | 300 | (tgħid it-talba li hemm fl-iskrizzjoni) | O Marija tal-Hniena u ta' l-imhabba itlob ghalina – Ind(ulgenza) 300 jum |
| Duluri fi Triq il-Pont, Nru. 10. | | (Mons. Mikiel Gonzi) | 300 | (tgħid it-talba li hemm fl-iskrizzjoni) | Sidtna Marija Addolorata itlob ghalina - 300 Jum Indulg(enza) |
| Qalb ta' Ġesù fi Triq il-Kbira, Nru. 84. | | | 300 | (tgħid it-talba li hemm fl-iskrizzjoni) | Qalb ta Ġesù jien nafda fik 300 jum Indulg(enza) |

## Statwi li tlifna

Triq Santa Margerita Nru. 75 – f'niċċa llum vojta fil-quċċata tagħha hemm lapida żgħira bil-kliem 'S. Nicolae Bori' li tagħti x'tifhem li taf kien hemm statwa ta' dan il-qaddis jew forsi inkitbet il-lapida imma l-istatwa baqgħet qatt ma saret.

Triq Speranza Nru. 24 – f'niċċa llum vojta kien hemm statwa ta' Marija Assunta li jidher li kellha titnehha mill-post għax kienet ta' periklu u bdiet nieżla biċċa biċċa.

Triq San Pawl Qlejgħa – f'niċċa llum vojta ma' razzet int u ħiereġ mill-Mosta fuq il-lemin qabel taqbad il-Kappella ta' San Pawl tal-Qlejgħa kien hemm Qalb ta' Ġesù kif anki tixhed il-lapida taħt in-niċċa bil-kliem 'Qalb helua ta Ġesù cun l'imhabba tighei.'

Triq Kungress Ewkaristiku Nru. 190 – f'niċċa llum vojta kien hemm statwa tal-Madonna tal-Karmnu li għalkemm ma ntilfitx, tneħħiet mill-post biex tpoġġiet f'niċċa fiz-zuntier tal-Kappella ta' Sant'Anton Abbati.

Statwa ta' San Paċifiku – Fi Triq il-Kbira ftit 'l fuq minn fejn taqsam Triq Dun Mikiel Xerri, kien hemm l-unika statwa ta' San Paċifiku fil-Mosta li ntilfet fil-gwerra u li propju minn fejn din l-istatwa kien jibda l-marċ bil-banda fil-festa tiegħu.[11]

Statwa tal-Madonna fl-għar tal-Kappella tal-Isperanza – x'aktarx kien hemm statwa tal-Madonna tal-Isperanza fl-għar ferm eqdem minn tallum li kienu ngħatawla l-indulġenzi fit-23 ta' Ġunju 1914, li jista' jkun li hi dik li llum hemm fil-faċċata tal-Kappella. Statwa sagra bl-indulġenzi mhux la kemm tintilef. Forsi wieħed jasal għal xi ħjiel jekk ikejjel l-apside tan-niċeċ fil-faċċata tal-Kappella tal-Isperanza fejn isib li n-niċeċ tal-ġnub huma ta' proporzjon wieħed wisa' ma' tnejn għoli waqt li tan-nofs li hi akbar, kieku l-ħoġor tagħha sar filata ibaxx kienet ukoll tiġi l-istess proporzjon. Dan taf ifisser li kellhom jagħmlu modifikazzjoni f'din in-niċċa tan-nofs billi ċekknuha filata mill-għoli biex din l-imsemmija statwa ma tiġix tidher minuskola fiha. Ħjiel ieħor hu l-

istonatura li rriżultat fil-faċċata minħabba f'hekk għax it-tieqa ta' fuq il-bieb ma hiex f'nofs l-għoli bejn il-gwarniċun tal-bieb u l-ħoġor tan-niċċa fuqha, u l-istess niċeċ m'humiex ta' proporzjon wieħed kif għidt, żewġ żbalji ridikoli li ma naħsibx li kien jieħu perit ta' dik l-epoka. Pero wieħed jistaqsi kieku fil-fatt in-niċċa tan-nofs kienet akbar mill-għoli, ma setgħux għamlu statwa akbar mill-ewwel flok jieħdu dik li kien hemm fl-għar, jew minflok ipoġġu din l-istatwa fuq pedestal żgħir għoli filata biex jagħmel tajjeb għaċ-ċokon tagħha? Ħjiel ieħor hu l-valur artistiku ferm akbar ta' din il-Madonna tal-Isperanza li hemm fil-faċċata komparata ma' dik xi ftit superfiċjali li hemm fl-għar: l-ewwel waħda taf saret meta l-Barokk kien fl-aqwa tiegħu, l-oħra minn xi dilettant. Din tal-għar għandha l-indulġenzi datati 1927 li tindika li taf saret lejn dak iż-żmien u telimina l-possibilta li setgħet kienet xogħol Spampinato li ħadem l-istatwi mill-ifjen tal-Evanġelisti San Ġwann u San Luqa li hemm fl-istess għar, abbozzi ta' dawk tal-presbiterju tar-Rotunda li saru lejn l-1911. L-indulġenzi, possibilment tal-istatwa fil-faċċata, nħarġu aktar tard fl-1914 li jekk huma tagħha jindika li kienet għadha fl-għar sa dak iż-żmien u forsi tawlet sal-1925 meta ħaditilha postha din tal-għar u saru l-modifikazzjonijiet fil-faċċata.

4 Statwi fiz-zuntier tal-Kappella ta' San Pawl Eremita – fiz-zuntier tal-kappella kien hemm fuq pedistal statwi ta' San Ġwann il-Battista, San Pawl Eremita u Sant'Anton Abbati mogħtija mill-Kavallier Guttenberg fl-1705 skont skrizzjoni "B. de Guttenberg S.J. Co. Baiulius Brandeburgensis 1705" li jingħad li kien hemm mal-pedistal li kienu fuqu li kienu tkissru mill-vandali u saru minflok riljevi ta' dawn il-qaddisin riċentament fl-1994. Minn ritratt tagħhom fil-magazine *The Heritage* li ħareġ f'forma ta' ktieb lejn l-1979 jidher li taf kienu għadhom jeżistu sal-bidu tas-sebgħinijiet u jissemma li kienu għoli ċirka 95cm. Fejn il-ħawt għall-ilma kien hemm statwa ta' San Pawl, magħmula fl-1646, mill-qima ta' Filippu Cassar minquxa bl-arma tiegħu u ta' martu Vincenza Xara, li jidher li ntilfet meta fl-1970 ċediet blata mill-għar u kaxkret fosthom din l-istatwa.[12]

2 Statwi fuq pedestal fiz-zuntier l-antik tal-knisja – sakemm inbidel fil-verżjoni tallum fl-1928, kellu fuq kull naħa tiegħu 2 statwi, dik tal-Assunta u San Ġużepp, jikkorrispondu ma' kif inhuma tallum, u taf qodma daqs iz-zuntier innifsu li tlesta lejn l-1861 hekk li diga jidhru f'ritratt tal-knisja mingħajr

lanterna li saret fl-1889. Kienu kompluti bil-pedestal ġej għat-tond bil-fanal b'kollox iżda f'ritratt tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913 il-fanal ma jidhirx aktar. Mill-qisien tar-raġel li jidher f'ritratt viċin l-istatwa tal-Assunta nistgħu nieħdu li din l-Assunta kienet daqs ċirka l-istatwi li nsibu fin-niċeċ tal-Portiku fejn donnu għamluha dan l-għoli biex darba jkollhom il-flus biex jagħmlu tan-niċeċ tal-portiku, tkun tikkorrispondi magħhom. Ir-raġuni 'l għaliex l-Assunta poġġewha fuq ix-xellug taz-zuntier l-antik (u sussegwentament il-ġdida fuq ix-xellug tal-lum) taf kienet biex l-Assunta tiġi fuq il-lemin tal-Bambin li qed iżomm San Guzepp f'idu l-leminija. Bħalma d-disinn taz-zuntier l-antik ħareġ minn idejn Grognet li ħalla spazju apposta fiħ għal dawn l-istatwi, ma setgħax jonqos li l-pedestal tagħhom ma kienx disinn tiegħu ukoll, waqt li l-istatwi nfushom x'aktarx kienu tal-Mosti Salvatore Dimech li taf ħadem ukoll il-parti l-kbira tal-iskultura u l-lavur tal-knisja sakemm din kienet għadha qed tinbena – 2 statwi bil-pedestall b'kollox li setgħu faċilment sabulhom post ieħor f'Mosta li kienet għadha kollha raba' qed tikber bil-mod (eżempju fi Pjazza San'Anard jew jinkorporawhom f'kantunieri bħalma hemm bosta sbieh ta' dan it-tip fil-Belt u għandna waħda biss simili fil-Mosta ta' San Tumas ma' Villa Gollcher).



Ritratt taz-zuntier tal-knisja fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku li kien tlaqqa' l-parti l-kbira tiegħu fil-knisja tal-Mosta bejn it-23 u s-26 t'April 1913 fejn jidhru ż-żewġ statwi tal-ġebel ta' Santa Marija u San

Ġużepp kompluti bil-pedestal b'kollox li kien hemm fuq iz-zuntier qabel ġie mmodifikat għall-verżjoni tallum fl-1928.

6 Statwi ta' Anġli li kien hemm fil-Kor – qabel saru l-Arkanġli tal-lum 'a stucco' fl-1936 minn Ċensu Apap li kienu swew £50 il wieħed, kien hemm oħrajn jingħad tal-istatwarju Għargħuri Kalċidon Mangion li wkoll tlifnihom li l-istoriku Joseph Borg isemmi li kienu saru fuq il-parir li taħhom Ġużeppi Cali. Minn ritratt tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913 jidher li kienu għoljin daqs tal-lum, ċirka l-istess għoli tal-Evanġelisti li hemm fuq il-presbiterju. Dawn ukoll setgħu faċilment sabulhom post ieħor fuq xi pedestal f'xi kantuniera jew f'xi pjazza jew xort'oħra biswit xi kappelli.

L-Assunta ta' Censu Apap li kien hemm fuq iz-zuntier – Meta z-zuntier tal-knisja ġie rrestawrat fl-2010 kienu saru mill-ġdid l-istatwi tal-Assunta u ta' San Ġużepp tal-bronż kopja ta' li kien hemm qabel tal-konkos maħduma minn Ċensu Apap fl-1931. San Ġużepp ta' Apap illum jinsab quddiem il-kappella ġdida li kienet inbniet f'Ta' Mlit fi Triq iċ-Ċinju iżda l-Assunta tiegħu ma rnexxielix tasal sħiħa għax wara li kien irnexxielhom jaqilgħuha miz-zuntier, spiċċat inqasmet fit-triq huma u jġorruha.

2 Statwi fil-portiku tar-Rotunda – f'artiklu tal-istoriku Mosti Joseph Borg fil-Mosta: Settembru – Diċembru 2003 isemmi li fl-għoxrinijiet tas-seklu l-ieħor tnehhew min-niċeċ tal-ġnub ta' taħt tal-portiku (fejn illum insibu l-istatwi ta' San Xmun u San Guda Taddew) l-istatwi tal-ġebel ta' San Pietru u San Pawl li jingħad li kienu jiffurmaw parti mill-prospettiva li kienet iżżejjen il-kwadru titulari fil-Knisja l-Qadima.[13] Pero f'ritratti antiki tal-knisja ta' qabel dan iż-żmien dawn in-niċeċ dejjem jidhru vojta.

Assunta fil-frontispizju tal-knisja l-qadima – Fil-frontispizju kien hemm inkorporata niċċa bi statwa tal-Assunta taf ċirka bil-bażi tagħha għolja 300cm jew sular u l-Assunta forsi xi 260cm. Jista' jkun li bir-Rotunda qed tinbena nkaxxata madwar il-knisja l-qadima ma tantx setgħu jimmanuvraw tajjeb biex iniżżluha u spiċċat terrapien mal-kumplament.

Salib taċ-ċimiterju l-antik u ieħor tad-**Dejma** – għalkemm mhux propja niċċa jew statwa, l-ewwel wieħed diġa tkellimna dwaru fl-ewwel parti waqt li l-ieħor

kien salib mqiegħed fuq kolonna twila, bil-kolonna min-naħa tagħha mqiedgħa fuq pedestal u li kien jaħbat x'imkien bi dritt bieb il-kbir tal-knisja tallum bejn it-tielet u r-raba' kolonna ta' quddiem tal-portiku. Għandi dubji kemm kien verament ‘tad-Dejma’ għax kieku kien hekk kien ikollhom wieħed l-irħula tal-qrib fosthom il-Matriċi n-Naxxar li żgur kienu jithajru jagħmlu wieħed huma wkoll forsi biex ma jkollom xejn anqas minn raħal li ħareġ minnhom. Apparti dan, l-iskop ta’ salib tad-dejma kien biex ikun post fejn wieħed jiltaqa’ qabel imorru flimkien għat-taqbida kontra l-furbani. Fil-Mosta l-misraħ ta’ quddiem il-knisja seta’ faċilment serva bħala punt ta’ riferenza fejn wieħed jiltaqa’ mingħajr ma jkun jinħtieġilhom jidħlu għall-intrigu li jwaqqfu salib tad-Dejma pass bogħod mill-knisja biex jiltaqgħu fejnu minflok fejn il-knisja. Dan kollu jtini x’nifhem li aktar minn sempliċi salib, kien twaqqaf mill-Mostin biex jimmarka xi ħaġa mportanti u sagra li kien hemm fil-post, u appuntu għax sagra ħtieġilha tkun immarkata propju b’salib. Jingħad li fl-antik ġieli kienu jwaqqfu xi salib flok xi knisja li tkun twaqqgħet jew ġiet ipprofonata u taf allura dan tal-Mosta kien jimmarka l-post fejn xi darba kien hemm il-kappella tal-Assunzjoni li meta d-Delegat Appostoliku Pietru Dusina zar il-Mosta fl-1575 kien sejħilha ‘parrokjali’ (*Item visitavit etiam Parochialem Ecclesiam dicata B.M. Assumptionis Casalis Mustae … - Ukoll zar il-knisja Parrokkjali dedikata lil Beata Marija Assunta tar-raħal tal-Musta …*). Hawn min jgħid li taf kellha xi ċimiterju magħha jew forsi kienu jidfnu fiha. Li jkompli jsaħħali din it-tezi hu l-fatt li l-Knisja l-Qadima (ta’ Tumas Dingli) kienu bnewha rtirata ftit mhux ħazin mit-triq (minn Triq il-Kbira tallum li kienet taqsam ir-raħal minn tarf s'ieħor), fejn donnu għax ma kellhomx ħlief din il-kappella ta’ tali kobor u lejn iċ-ċentru tar-raħal, ħtieġilhom jibnu dik li kienet l-ġdida ta’ Dingli rtirata naqra lura minnha biex jibqgħu jużawha fil-frattemp, u darba lestew ta’ Dingli, ħattewha u waqqfu dan is-salib bħala mafkar tagħha u tal-antenati li taf kien hemm midfuna fiha. Indirettament tiġi li kellu erġa sinifikat ieħor, sinifikat tripplu, għax bħalma l-Knisja l-Qadima ta’ Dingli kienet inbniet per konsegwenza tal-Mosta għada kif infatmet mill-Matriċi n-Naxxar bħala parroċċa għaliha w indipendenti, daqstant ieħor dik il-knisja / kappella ta' qabilha kienet inħattet per konsegwenza ta' dan l-iżvilupp. Raġuni oħra li ma kienx tad-Dejma hi li kien pjuttost kbir kumparat ma’ dawk tad-Dejma li normalment huma żgħar (eż. dak ta' San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar, etc). Kolonna simili għal tal-Mosta u li nistgħu nqabblu magħha hi dik ta' Ħaż-Żebbuġ li għanda pedestal ta' wisa'

ċirka 4 xbar (104.8cm, il-parti ċentrali, mingħajr l-irħamar li sar xi snin ilu), u minn dan il-qies tista' toħroġ il-qisien l-oħra, ċioe tiddividi b'1.5 issib id-dijametru tal-kolonna ċirka 2 xbar 8 pulzieri (69.87cm), u peress li hi stil Korint, il-kolonna bil-bazi u l-kapitell b'kollox trid tkun 10 darbiet id-dijametru jew ċirka 7m. Tal-Mosta l-kolonna kienet still Doriku allura l-għoli ried ikun iqsar, ċioe 8 darbiet id-dijametru tagħha, imma donnu kkumpensaw għal dan in-nuqqas fl-għoli billi fuq il-kolonna nkorporaw dak l-ispeċi ta' pedestal forma ta' lembut li kien iwassal għas-salib propju. Dan l-ahhar kien hemm il-hsieb li jitwaqqaf dan is-salib imma b'kolonna kwadra dejjem ġejja għall-ponta skont kif jidher li kien ħażż Grognet u kif hemm quddiem il-Pantheon ta' Ruma. Kieku nippreferi bħalma kien hemm quddiem il-Knisja l-Qadima li b'kolonna tonda naraħ aktar jikkumplimenta l-istess Rotunda mibnija għat-tond. Taf inkunu qed nirrepetu l-istess żball taz-zuntier li għax seħel Grognet kien ħazz wieħed kif inhu llumm, ninsew li hu stess kien reġa bdielu u oriġinarjament kien ra li jsir miftuħ biex il-knisja tkun tista' titgawda minn isfelnett.



Il-faċċata tal-kappella tal-Isperanza bil-kaxxi l-blu jindikaw proporzjon ta' wieħed wisa' ma’ tnejn għoli kif inhuma tal-ġnub ta' San Ġużepp u Sant'Antnin ta' Padova u kif taf kienet oriġinarjament tan-nofs tal-Madonna tal-Isperanza. Dan in-nuqqas ta' qbil fin-niċeċ irriżulta fi stonatura bħalma hu l-vojt akbar li hemm bejn it-tieqa u l-ħoġor tan-niċċa fuqha per konsegwenza. Pittura tal-Knisja l-Qadima fejn tidher niċċa fil-frontispizju bi statwa kbira ta’ Marija Assunta u s-salib fuq kolonna twila u pedistal li kien hemm quddiem il-knisja.

Madwar 9 statwi li tlifna mill-1987 l’hawn li jissemmew minn Tony Terribile fis-serje ta’ artikli tiegħu ‘niċeċ u statwi fit-toroq tal-Mosta’ fil-gazzetta ‘Il-Mosta’

fit-3 ħarġiet bejn Mejju u Ottubru tal-1987 u li ma rnexxielix insib fosthom: niċċa bil-Madonna tar-Rużarju ma’ razzett fi Triq Durumblat, niċċa żgħira ta’ San Ġużepp fi Triq il-Kbira Sqaq Nru. 4, niċċa ta’ Madonna bil-Bambin fi Triq Caspru, riljev kbir ta’ Marija Annunziata fi Triq il-Kbira Nru. 450 (illum hemm binja ġdida u din il-parti ssemmiet Triq il-Bazilika), riljev ta’ San Ġużepp fi Triq il-Pont Nru. 160 (taf Triq Carmelo Dimech tallum biswit fejn hemm in-niċċa tal-Kunċizzjoni, illum hemm is-soltu blokka flats - kellu ndulġenzi ta' 300 jum għal min jgħid Missierna, Sliema u Glorja), niċċa żgħira ta’ San Ġużepp li kellha l-indulġenzi datati 1865 fi Triq l-Oratorju Nru. 5, xbiha tal-Qalb ta’ Ġesù fil-għoli fi Triq il-Kbira Nru. 334 (taf x'imkien fi Triq il-Bazilika tallum), x’imkien fuq wara ta’ dar fi Triq il-Bażilika li tkompli ma’ Triq Santa Margerita kien hemm xi niċċa sempliċi ta’ Ġesù Nażżarenu xogħol Bizzju, u niċċa kbira tal-Kunċizzjoni bl-indulġenzi datati 1860 li kien hemm fi Triq id-9 t’April.



Isfel xellug: Id-dar li kienet ta' Mikelanġ Falzon mlaqqam 'Tal-Barbier' (kien propja mastrudaxxa jagħmel it-twiebet u deffien, kien jiġi naħseb missier Joe d-deffien) li tinsab fil-bidu ta' Triq il-Pont fejn għadhom jeżistu biss ir-riljevi tax-xellug tal-Ecce Homo u tad-Duluri fuq il-lemin fuq iż-żewġ bibien il-kbar. Dawn ir-riljevi kellhom fuq kull naħa tagħhom 2 statwi kull wieħed fuq mensoli (taf kienu tiżjin temporanju tal-

festa). Fuq il-bieb tan-nofs kien hemm gallarija (ritratt fuq xellug) li nsterqet fi Frar 1999. Fuq din il-gallarija kien hemm taf l-unika riljev tal-Assunta li konna nsibu fil-Mosta (ritratt fuq fin-nofs), komplut b'puttin fil-parti ta' taħt, x'aktarx xogħol Bizzju.
Isfel fin-nofs: In-niċċa arzellata tal-Immakulata li kien hemm sal-2004 fi Triq id-9 ta' April (illum floka nbniet dik l-art gallery kantuniera ma' Triq San Pawl Eremita) li kienet tmur lura tal-anqas għall-1860 meta tlestiet il-knisja f'dak li kien Sqaq Redusa li kien jgħaqqad Triq Speranza qabel tibda n-niżla għall-kappella, ma' Triq il-Parroċċa, bil-kumplament kien kollu raba sa Triq Salvatore Dimech tallum. In-niċċa domnu, imma l-istatwa jidher li kien laħaq salvaha xi qassis li joqgħod lejn ta' Wejda u għal xi żmien kienet fuq speċi ta' mensola f'tarf Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Durumblat. Ritratti mill-annwal ta' Nicolo Isouard 2018 pġ.216 u ktieb Mosta: Heart of Malta pġ.76. Fuq lemin: Ritratt mill-ktieb Mustensia Vol II, pġ.264 ta' riljev tal-Annunzjata li xi darba kien hemm ma' dar fi Triq il-Kbira Nru. 450 (illum id-dar waqqgħuha u din il-parti tat-triq jisimha Triq il-Bażilika). Isfel lemin: Ritratt ta' riljev ta' San Ġużepp li xi darba kien hemm ma' dar fi Triq il-Pont (illum id-dar waqqgħuha u din il-parti tat-triq jisimha Triq Carmelo Dimech). Ritratt grazzi għat-tfal ta' Nikol Ciantar li kien ħareġ ktieb fuq in-niċeċ ta' Malta kollha u r-ritratti li kien ħa tagħhom kien għadda kopja lill-Librerija Nazzjonali l-Belt.

Niċeċ li ntilfu tort tal-elementi u r-rgħiba tal-**bniedem** - Apparti dawn imsemmija, min jaf kemm intilfu oħrajn fi żmien il-gwerra, waqt li oħrajn li taf irnexxielhom isalvaw minn dan l-assedju u mill-qilla tal-elementi u ż-żmien, spiċċaw sabu sehemhom tort tal-izvilupp bla rażan u r-rgħiba ta' dawk li donnu ma jxebbgħahhom xejn. Biżżejjed tqis li fil-Mosta l-eqdem statwa bl-indulġenzi hi dik tal-Assunta li llum tinsab fi Pjazza Britannja li kienu ngħatawla fl-1801 jekk għal mument ninsew l-Assunta ta' Buqana li hi bogħod mhux ħazin miċ-ċentru tar-raħal li l-indulġenzi kienu ngħatawla ftit biss ta' snin qabel fl-1792. Dan jikkuntrasta ma' rħula oħra li għandhom statwi b'indulġenzi ferm eqdem, fosthom dawk ġirien bħal H'Attard li għandhom Kunċizzjoni b'digriet tal-1761 u n-Naxxar li għandhom id-Duluri fit-Triq t'Alla u Ommu, San Pawl f'San Pawl tat-Tarġa u Kunċizzjoni fi triq mhux wisq bogħod mill-knisja b'digrieti tal-1752, 1770 u 1784 rispettivament. Tista' timmaġina wieħed Mosti jkollu joqgħod jitla' n-Naxxar biex jgħid talba għaliħ jew għal xi mejjet għax f'raħlu m'għandux waħda ta' dan it-tip mentri l-Matriċi li magħhom kienu hekk impikati u anki superaw fil-popolazzjoni kellhom tal-anqas tlieta? Konvint li jekk fil-Mosta kien hawn xi waħda, żgur kienet dik tal-Madonna tal-Isperanza fl-għar taħt il-Kappella li altru li kienet devota kien attribwit li kienet dik li salvat tfajla Mostija minn ħalq it-Torok u li taf l-indulġenzi nħarġula dawk is-soltu 40 jum xi żmien wara l-1760 meta tlestiet il-kappella. Taf darba ġabula l-indulġenzi ta' 100 jum fit-23 ta' Ġunju 1914 ta' statwa li taf tlifna, il-lapida l-ġdida spiċċat ħadet post l-antika, disgrazzja ta' meta l-għar kien suppost ġie rinovat fl-1913, għax bħalma tefgħu mat-terrapien fosthom 2 statwi bħal dawk

bil-pedestal b'kollox li kien hemm fuq iz-zuntier l-antik tar-Rotunda, altru li b'din il-mentalita ma kienux se jħabblu rashom fuq sempliċi biċċa lapida. Possibilta oħra hi li bħalma n-Naxxarin kellhom l-imsemmija Duluri bl-indulġenzi mill-1752, setgħu l-Mostin jonqsu milli jġibu l-indulġenzi għall-imsemmija aktar qabel dawk l-erba' statwi li kien hemm fiz-zuntier tal-kappella ta' San Pawl l-Eremita ftit passi 'l bogħod u li d-devozzjoni lejha kienet hekk kbira li jingħad li xi Granmastri kienu jiġu servuti bl-ilma li jnixxi mill-għar? L-unika tifkira ta' indulġenzi ta' dik l-epoka fil-Mosta li fadlilna hi sempliċi lapida li wrietna mill-knisja l-qadima li llum tinsab fuq ix-xellug tal-kappellun tal-Kurċifiss fil-Knisja fejn jidher li fl-10 ta' Jannar 1757 Papa Benedittu XIV, meta taf kien ga sieq waħda fil-qabar propju ftit aktar minn sena qabel miet hu stess ta' 83 sena, kien ta xi ndulġenza plenarja ghal dawk membri fis-sodalitata tal-Agoniżżanti fil-mument tal-agunija, fl-aħħar nifsijiet tagħhom (moribondi - bil-mewt fil-qrib).

Niċeċ privati fi djar antiki - għalkemm l-awtorita tal-ippjanar rigward bini mill-ġdid, jekk ikun hemm xi niċċa fil-faċċata hemm imnejn iġġielek iżżomm il-faċċata jew in-niċċa li jkun hemm terġa tinkorporaha fil-binja l-ġdida, niċeċ li jkunu fuq ġewwa bħal fil-ġardina jew fil-bitha tal-istess dar 'l bogħod mill-għajn huma minsija għal kollox u tista' tkisser u tirrombla minn fuqhom kemm trid. Dan żgur wassal biex tlifna patrimonju sħiħ ta' niċeċ ta' dan it-tip fosthom waħda li naf li kien hemm f'dar fi Triq Gafa Nru. 83. Kienet niċċa bi statwa tal-Assunta xogħol Bizzju u n-niċċa xogħol nannuwi Nicola Grech u kuġin missieri Ġużeppi Galea b'dan tal-aħħar kien anki ħazz pjanti tal-knisja u jarawhom periti ma jemnuhx li għamilhom hu u kien anki qed jiskolpi mudell tal-knisja li wieħed ikun jista' jaraħ kemm minn barra u minn ġewwa. Fi żmien il-gwerra waqa' għall-offerta li jġorru l-petrol u jtuhom ikel u paga tajba iżda f'dan l-ambjent spiċċa marad hekk li kull meta kien jimsah wiċċu kien joħroġ bħal frak taċ-ċomb. Kienu mietu xi ħamsa mill-Mosta iżda hu kien salva għax il-mara kienet toqgħod titimgħu ftit ftit u anki jidher li kkumpensawh tajjeb għax kien jgħid li ma kellux xi jgerger iżda ma damx ma miet hu wkoll ftit wara.


Ritratt tal-1976 juri n-niċċa maqtugħa mill-art fuq speċi ta' pedistal bi statwa tal-Assunta li kien hemm fuq ġewwa tad-dar Nru. 83 fi Triq Gafa. Fuq il-lemin in-niċċa vojta qalb it-terrapien lejn l-2009, postha illum johodulha s-soltu blokka flats, ghax għalhekk tajjeb il-Malti.

## Konklużjoni

Kull statwa niċċa li fadal fil-Mosta mhux biss taf timlilek faċċata, issebbaħlek triq, imma fiha tista' tapprezza l-ħila artistika tal-iskultur u ta' tant snajja' oħra li llum għoddhom intilfu, hi tieqa fuq il-passat, fuq l-istorja ta' missirijietna, ta' raħalna, ta' kif kienu jgħixu, ta' biex kienu jiddilettaw, u forsi ta' kif kienu jifmuha. Il-wirt tal-Mosta mhux biss il-knisja, il-kappelli u forsi li fadal mill-wied imma dawn ukoll fihom tant tentufiet x'jgħallmuna, storja x'jirrakkuntaw, u tant u tant kurżitajiet li wieħed jista' joħroġ minnhom u taf kemm għad jonqosna x'nispokru fuqhom. Meta madwar xi 5 snin ilu kont bdejt indurhom u nfittex fuqhom, qatt ma bsart li kont se nsib daqstant x'nikteb fuqhom u hi għafsa ta' qalb darba nażżarda ngħid mirakolożament waslu sa żmienna li ma ntuhomx l-apprezzament li jixirqilhom. Donnu jkollok knisja hekk kolossali u sabiħa fiha l-iżvantaġġi tagħħa wkoll, għax bħal tifel imfissed, tispiċċa tisraq l-attenzjoni kollha hi u nispiċċaw inwarbu fil-ġenb l-kumplament li sawwar il-Mosta mal-moghdija taż-żmien.

### Statwi oħra ta' nteress

- Marija Assunta ta' Triq Buqana limiti tar-Rabat – forsi nkun prużuntuż imma għalija din l-istatwa hi l-akbar monument tal-patrijottiżmu Mosti u ta' dawk li ġġieldu għall-ġid tar-raħal minn tant żmien ilu fejn donnu biha riedu

jgħidu ‘Hic est Terra Musta’ - Hawnhekk il-Mosta. Għalkemm qatt ma kienet tagħmel mat-territorju Mosti, ħafna Mostin kienu jikkunsidrawha l-limiti tar-raħal fuq din ix-xaqliba, il-post li jifred il-Mosta mir-Rabat, speċjalment meta sa ftit tas-snin ilu t-triq sekondarja kienet oriġinarjament tgħaddi minn quddiema u tant hu hekk li xi kittieba bħal Tony Terribile fil-ktieb tiegħu fuq l-istatwi u n-niċeċ ta’ Malta jinkludiha ma dawk tal-Mosta. Wisq nemmen li xi ħadd Mosti li taf kellu l-għalqa fejn tinsab il-kamra b’din in-niċċa kien waqqaf fiha statwa f’ġieh il-patruna ta’ raħlu w intenzjonalment tħares lejn ir-Rabat biex tindika lil kull minn ikun ġej fi triqtu lejn il-Mosta li minn hemm ‘l quddiem daħal f’dan ir-raħal, qisu bl-istess skop ta’ dawk it-tabelli li naraw illum fit-truf tal-irħula bil-kliem bħal ‘Merħba Mosta,’ u sintendi daħħal f’moħħ ħutu l-Mostin li l-Mosta kienet tasal s’hemmhekk (ma naħsibx li oriġinat mix-xejn li l-Mostin kienu jikkonsidrawha tarf ir-raħal). Kieku kien xi wieħed Rabti li għamel din in-niċċa, nissoponi li kien jiddedikaha lil San Pawl jew San Ġużepp li l-festi tagħhom jiċċelebrawhom bil-kbir f’dan ir-raħal u mhux jagħmel statwa patruna tar-raħal viċin fuq art li taf f’dawk iż-żminijiet kienet kontestata miż-żewġ irħula li tagħmel mat-territorju tagħhom. L-imsemmija statwa għanda lapida tal-indulġenzi li ngħataw mill-Isqof Labini fl-1792. Ma naħsibx li b’kumbinazzjoni li nzerta f’dan iż-żmien fil-Mosta kellna Kappillan lil ħadd hlief ir-Rabti Dun Salv Saver Bonnici (Kappillan tal-Mosta bejn 1771-1794 li fi żmienu wkoll inġab San Paċifiku u saret il-konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima) li fuq inizjattiva tiegħu stess kien iġġieled b’ħiltu kollha biex ikabbar il-konfini nġusti tal-Mosta u għamel dan addirittura meta l-Mosta diġa kellha 10 Kappillani qablu, 5 minnhom Mostin, li ħadd minnhom ma kien ħabbel rasu fuq dan is-suggett, u sahansitra spiċċa jiġġieled kontra raħal twelidu stess ir-Rabat għall-ġid tal-Mosta. L-istoriku Mosti E.B. Vella jsemmi li dan Bonnici "sostna li l-mitħna tas-Sagħjtar (mitħna ta’ ċirka l-1670 qedgħa fil-bidu tan-Naxxar illum kantuniera Triq l-Abate Savoja ma Triq il-Mosta), Ħal Ripa, Ħal-Dimek (fejn illum hemm il-kappella msemmija ta' Sant'Andrija - dawk li kienu fuq ix-xaqliba l-oħra tal-wied fosthom il-kappella ta’ San Pawl Eremita kienu ‘bil-miktub’ jagħmlu mal-Mellieħa imma fil-Visti Pastorali kienu jinkluduhom ma tal-Mosta), Ta' Vnezja (parti minn Ta' Qali, minn fejn qatgħu l-ġebel għar-Rotunda u għall-knejjes tal-Imġarr u tal-Bidnija), il-Busbesija (ftit aktar ‘l fuq mill-katakombi Ta Bistra), il-Klejgħa, Għajn Rihana, Burmarrad, iż-Żebbiegħ, l-Imġarr, Bingemma, Għajn Tuffieha sal-baħar kienu kollha jagħmlu mal-Mosta.

Biex iwettaq dan, semma x'kien qal il-Vizitatur Dusina, x'kienu jgħidu l-istoriċi u sejjaħ ħafna xhieda minn dawk li joqgħodu f'dawk in-naħiet li kienu jagħmlu l-preċett, u jidfnu lill-mejtin fil-parroċċa tal-Mosta." Sahansitra meta tilef il-kawża ma l-Isqof baqa' jiġġieled għall-Mosta billi "sar l-appell għas-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma" iżda sfortunatament l-ispejjeż kbar li kien se jidħol fihom spiċċaw biex qatgħu qalb anki bniedem ta' karattru bħal dan u żgur kienet daqqa ta' ħarta għall-Mostin kollha ta' dak iż-żmien li maqgħudin miegħu kienu qed jittamaw li jakkwistaw dak li suppost hu ta' raħalhom bi dritt. Biex wieħed jifhem din l-ingustizzja kbira fil-konfini tal-Mosta biżżejjed iqis li meta l-Isqof Gargallo waqqaf il-parroċċa tal-Mosta min-Naxxar fl-1608, dan sempliċiment kien ħa parti mit-territorju Naxxari u għamlu jagħmel mal-Mosta bir-riżultat li lokalitajiet bħal Ta' Qali li sakemm konna parti mill-Matriċi kien jagħmel sens li ma kienx parti min-Naxxar minħabba l-bogħod, darba parroċċa għalina minkejja li hu eqreb għall-Mosta bil-wisq aktar mill-irħula ta' H'Attard u r-Rabat li miegħu għadu jagħmel sallum, xorta baqa' fit-territorju ta' dawn it-tnejn bi Triq Durumblat, it-triq taċ-ċimiterju, għada sal-ġurnata tallum inġustament timmarka l-konfini tal-Mosta fuq din in-naħa. Dan kollu jkompli jsaħħaħli t-tezi tar-rabta kbira li din l-Assunta ta' Buqana għandha ma raħalna u l-istorja u l-intriċċi li min jaf hemm warajha fejn donnu waqqfuha bħala sfida għal dak li ma rnexxilhomx jakkwistaw legalment fuq il-karta. Bħala punt tal-aħħar, jekk wieħed irid jifhem xi ftit aktar il-karattru 'gelliedi għall-Mosta' ta' dan il-Kappillan Bonnici li rabat hekk qalbu mar-raħal li donnu sar Mosti aktar mill-istess Mostin, biżżejjed jagħti titwila lejn il-lapida tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja l-Qadima li għadna nistgħu ngawduha sallum fil-kuritur bejn iż-żewġ sagristijiet li apparti li tgħid li dan l-avveniment tas-7 t'April 1774 kien sar bit-thabrik tiegħu (sedulitate D. D. Salvatoris Xaveri Bonnici), wieħed jista' jinnota wkoll l-iżbalji ntenzjonati fid-dati li fiha, fejn jissemma li l-Isqof Martin Royas għamilna parroċċa fl-1575 (ċioe għamilna eqdem bi 33 sena – fi żmien dan l-Isqof u f'dan l-annu kien intbagħat id-Delegat Apostoliku Mons. Pietru Dusina li kien sejjaħ il-knisja tal-Assunta li kien hawn fir-raħal 'parrokkjali'), waqt li fit-13 ta' Settembru 1608 (flok fis-16 ta' Settembru 1608) l-Isqof Tumas Gargallo tana l-ewwel Kappillan (fil-fatt l-ewwel kappillan Mosti Dun Ġwann Bezzina nhatar aktar minn sentejn wara li Gargallo għamilna parroċċa, fl-10 ta' Novembru 1610, darba miet il-Kappillan Naxxari Dun Ġiljan Borg xhur qabel lejn Lulju ta' dik is-sena).


In-niċċa bi statwa ta' Marija Assunta fi Triq Buqana limiti tar-Rabat li taf lill-Kavallieri qabel ġiet restawrata lejn il-bidu tas-sena 2023, u għall-aktar minn mitejn sena ila tilqa' lil dawk li jkunu ġejjin mir-Rabat lejn ir-raħal tal-Assunta, il-Mosta. It-tabella li tidher fil-kantuniera fuq il-lemin tal-kamra għandha l-kliem ma tantx għadu jinqara 'Crafts Village Ta' Qali' u hi tifkira ta' meta sa ftit tas-snin ilu t-triq oriġinali kienet għada tgħaddi minn quddiem din il-kamra qabel ġew modifikati t-toroq lejn il-bidu ta' dan is-seklu. Għal diversi snin ikkontemplajt fejn naqbad infittex biex insib xi konnessjoni ta' din l-Assunta mal-Mosta li kullħadd kien joħodha erronjament bħala t-tarf tar-raħal – ir-risposta taf qedgħa mill-lapida taħt din in-niċċa fejn mill-kliem kważi ndeċifrabbli tagħha toħroġ id-data '2 Gennaio 1792'.



Mappa tal-2004 mehuda mill-Map Server tal-PA (dik li qabel kienet il-Mepa) li turi in-niċċa ta' Buqana f'nofs ir-ritratt bit-triq kif kienet oriġinarjament minn żmien il-qedem tgħaddi minn quddiema tal-anqas sal-2004. L--għalqa biswit in-niċċa f'mappa tal-1900, Sheet 60, hi mmarkata propju bħala 'Tal-Madonna'.



Il-Kappillan ta' qabel ta' qabel Dun Feliċ Calleja, Dun Salv Saver Bonnici J.U.D. mir-Rabat (30.5.1771 – miet 6.1.1794) kif jidher f'pittura li tinsab għand nies Bonnici Mallia ġejjin mill-familja tiegħu (Ara l-gazzetta Il-Mosta, Nru. 131: Settembru - Ottubru '88).

- Niċeċ magħmula mill-injam u l-ħġieġ – Minsija f'waħda mill-kmamar fil-kannierja li jsibuha 'Tal Aċċjomu' appunti għax insibu niċċa tiegħu magħmula mill-injam u l-ħġieġ li taf hi wirt mill-knisja l-qadima. Din oriġinarjament kienet fil-kappellun taċ-Ċintura iżda tnehhiet minnha bin-niċċa b'kollox wara l-vista pastorali tal-Arċisqof Gonzi fl-1947.[14] Fil-kappella tal-Isperanza nsibu

niċeċ simili ta' San Franġisk Saverju, ta' Santa Rita u tal-Madonna ta' Lourdes, u niċċa ftit akbar bil-Madonna tal-Isperanza fis-sagristija tagħha. Insibu wkoll bambin f'niċċa fuq l-artal li jingħad hu wirt tal-Knisja l-Qadima jissemma fil-vista pastorali tal-Isqof Pawlu Alpehran de Bussan li kien miżmum b'qima fil-kappellun tagħha ta' San Ġużepp. Fil-kappella ta' Sant'Anton Abbati nsibu wkoll f'niċeċ lill-Kunċizzjoni u San Ġużepp, u statwa ta' Sant'Anton Abbati imma mhux f'niċċa u fis-sagristija hemm ukoll niċċa b'bambin xogħol Karlu Darmanin. Fil-kappella ta' Santa Marja taż-Żejfi hemm żewġ statwi żgħar ta' San Ġużepp u Sant'Antnin ta' Padova, ta' San Leonardu u niċċa ta' San Ġużepp fil-Kappella ta' San Anard, niċeċ tal-Ecce Homo, Duluri u Santa Rita f'ta' San Silvestru, u tal-Vizitazzjoni (l-Madonna qed iżżur lill-qariba Eliżabetta) f'ta' Wejda.



In-niċeċ tal-Ecce Homo fil-Kannierja, ta' Santa Rita u tal-Madonna ta' Lourdes (tgħid xi konnessjoni oħra mal-Arċipriet Dun Pawl Xuereb?) fil-Kappella tal-Isperanza, u tal-Kunċizzjoni u San Ġużepp fil-Kappella ta' Sant'Anton Abbati.

- Venus fuq il-bejt tal-mitħna l-Qadima – għalkemm mhux fuq nota reliġjuża bħal l-istatwi li diġa semmejna, ta' min jgħid xi ħaġa fuqha minħabba l-valur artistiku tagħha u għax qedgħa fuq binja storika, il-mitħna l-qadima appuntu. Hi mmudellata fuq il-pittura ta' ċirka l-1484-86 tal-famuz pittur taljan Sandro Botticelli jisimha 'La Nascita di Venus' (The Birth of Venus), sal-anqas dettal: bin-noklu taħt wiċċa, tax-xellug mgħottija b'ida, tal-lemin mikxufa, bix-xagħar jibqa' niżel sal-parti tagħha, bl-arzella, eċċ.



Il-Venus li nsibu fuq il-mitħna l-Qadima maħduma fuq pittura famuża ta' Sandro Botticelli tas-seklu 15 magħrufa bħala 'La Nascita di Venus'

---

[1] Il-Mosta: Settembru-Dicembru 2002, p. 7, Statwi godda f'San Silvestru, Victor B. Caruana.

[2] Il-Mosta: Mejju-Awissu 2003, p. 17, L-iskulturi Mostin, Louis Vassallo.

[3] Victor B. Caruana, Niltaqgħu ma' Dun Ang, Il-Mosta: Harga Nru. 2 (2006) Format Gdid, p.40.

[4] Il-Mosta: Ottubru – Novembru 1966, p.2.

[5] Mary, our Mother of Consolation, http://augustinians.net/index.php?page=consolation_en.

[6] The History of the Scapular, Fr. William Saunders, https://catholicexchange.com/the-history-of-the-scapular.

[7] J.J. Camilleri, Ex Annalibus Mustae (2005), Is-Socjeta Santa Marija: minn Kazin għal Socjeta Filarmonika, p.13 u Saviour Dimech, 'Ir-rabta tas-Socjeta Filarmonika Nicolo Isouard mal-Parrocca tal-Mosta, Mosta: Grajjieta u Niesha (2007), p.352.

[8] Jeremy Boissevain, 'Festa Partiti and the British: Exploding a Myth', The British Colonial Experience 1800-1964 (1988), pg. 218-219.

[9] Ninety-five Theses, Wikipedia: "The Ninety-five Theses (95 Theses) or Disputation on the Power and Efficacy of Indulgences is a list of propositions for an academic disputation written in 1517 by Martin Luther, then a professor of moral theology at the University of Wittenberg, Germany. ... It detailed Luther's opposition to what he saw as the Roman Catholic Church's abuse and corruption by Catholic clergy, who were selling plenary indulgences, which were certificates supposed to reduce the temporal punishment in purgatory for sins committed by the purchasers or their loved ones."

[10] Vincenzo Labini, Visitationes Pastorales Vol XL 1783-1784, f.106.

[11] Joseph Borg, San Pacifiku jaghlaq 200 sena fostna l-Mostin, Il-Mosta: Lulju – Awissu 1983.

[12] Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u ohrajn, ed. 1986, p. 91.

[13] Il-Mosta: Settembru-Dicembru 2003, pg.4, X'inbidel fil-Knisja Arcipretali tagħna matul is-snin, Joseph Borg.

[14] Il-Mosta: Settembru-Dicembru 2003, pg.4, X'inbidel fil-Knisja Arcipretali tagħna matul is-snin, Joseph Borg.